2026/781

10.4.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/781

tat-8 ta' April 2026

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1178/2011 u (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għall-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir u l-użu ta' dak l-apparat għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll tal-bdoti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23, l-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-użu ta' apparati ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir (FSTDs, Flight Simulation Training Devices) fit-taħriġ, l-ittestjar u l-kontrolli tat-tip għall-bdoti.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([3]) jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti għall-użu tal-FSTDs fit-taħriġ rikorrenti tal-operatur.

(3) Minn meta beda japplika r-Regolament (UE) Nru 1178/2011, il-kwalifika formali tal-FSTD, kif karatterizzata mit-tipi u l-livelli tal-FSTDs, iddeterminat sa liema punt FSTD jista' jintuża għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll tal-bdoti. Fid-dawl tal-evoluzzjoni tat-teknoloġija tal-FSTDs u l-innovazzjonijiet fiha, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FSTDs għall-klassifikazzjoni tat-tip u għat-taħriġ rikorrenti tal-operatur, kif applikabbli, jiġu riveduti biex jippermettu kompitu ta' taħriġ partikolari u l-użu tal-FSTDs l-aktar idonei abbażi tal-kapaċitajiet tekniċi tagħhom, imsemmija bħala "firma tal-kapaċità tal-FSTD" (FCS, FSTD Capability Signature).

(4) Id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FSTDs fil-klassifikazzjoni tat-tip u fit-taħriġ rikorrenti tal-operatur fir-Regolamenti (UE) Nru 1178/2011 u (UE) Nru 965/2012 jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġu stabbiliti l-karatteristiċi ta' simulazzjoni u l-livelli ta' fiduċja meħtieġa biex jappoġġaw il-kompiti ta' taħriġ u biex jippermettu aktar flessibbiltà meta jiddeterminaw l-FSTDs xierqa għal dawk il-kompiti. Jenħtieġ li dawk l-emendi jqisu l-materjal ta' gwida ppubblikat mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li tirrakkomanda li l-kwalifika tal-FSTDs tkun ibbażata fuq kriterji relatati mal-karatteristiċi ta' simulazzjoni u mal-livelli ta' fiduċja.

(5) Meta tiġi introdotta l-FCS għall-FSTDs ikkwalifikati, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali xierqa biex jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel mir-rekwiżiti applikabbli kurrenti għal dawk futuri għal FSTDs eżistenti, filwaqt li fl-istess ħin tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-FCS mill-industrija mill-aktar fis possibbli.

(6) L-applikazzjoni tal-emendi li jintroduċu l-FCS jenħtieġ li tiġi differita, biex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jippreparaw għall-implimentazzjoni tagħhom.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1178/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/965/oj).

(7) Peress li r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1178/2011 u (UE) Nru 965/2012 dwar taħriġ għajr it-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip se jkomplu jirreferu għal tipi u livelli ta' FSTDs partikolari, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti biex tiġi ddeterminata l-ekwivalenza bejn l-FSTDs ikkwalifikati bit-tipi u l-livelli u FSTDs ikkwalifikati bl-FCSs.

(8) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ħejjiet abbozz tar-regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentathom lill-Kummissjoni flimkien mal-Opinjoni Nru 01/2025, f'konformità mal-Artikolu 75(2), il-punti (b) u (c) u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(20) 'Apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir (FSTD)' tfisser apparat għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll tal-bdoti li ċ-ċertifikat ta' kwalifika tagħhom jinkludi firma tal-kapaċità tal-FSTD jew firma tal-kapaċità tal-FSTD assenjata jew FSTD ta' legat;";

(b) il-punt (23) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(23) 'Gwida għat-test tal-kwalifika (QTG, qualification test guide)' tfisser dokument stabbilit biex juri li l-FSTD jikkonforma mat-tolleranzi preskritti u mar-rekwiżiti applikabbli tad-dokument(i) ta' referenza primarju/i għat-tip ta' inġenju tal-ajru simulat jew għal grupp ta' inġenji tal-ajru;";

(c) jiżdiedu l-punti (26) sa (43) li ġejjin:

"(26) 'CS-FSTD' tfisser l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-FSTDs maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-punt ORA.FSTD.205 tal-Anness VII (il-Parti-ORA);

(27) 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)' tfisser l-informazzjoni li hija approvata abbażi ta' ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD, li tindika l-karatteristiċi u l-livelli ta' fiduċja tagħhom kif ukoll l-inġenju tal-ajru simulat minn dak l-FSTD f'konformità mas-CS-FSTD, il-Ħarġa 1 jew ħarġa aktar tard;

(28) 'Firma tal-kapaċità tal-FSTD assenjata (FCS assenjata)' tfisser l-informazzjoni li hija approvata fuq iċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD, li tindika l-karatteristiċi u l-livelli ta' fiduċja kif ukoll l-inġenju tal-ajru simulat minn dak l-FSTD, meta dak l-FSTD ma jkunx ġie kkwalifikat f'konformità mas-CS-FSTD, il-Ħarġa 1;

(29) 'Lista ta' speċifikazzjoni tat-tagħmir (ESL, equipment specification list)' tfisser lista li hija parti mill-kwalifika tal-FSTD u li tipprovdi informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-kwalifika tal-apparat u l-bażi tal-kwalifika tiegħu, it-tagħmir installat, il-kapaċitajiet u l-ispeċifikazzjonijiet;

(30) 'Dokument ta' referenza primarja (PRD, primary reference document)' tfisser l-ispeċifikazzjoni teknika jew is-sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi użati biex tiġi stabbilita l-bażi tal-kwalifika għal FSTD;

(31) 'Evalwazzjoni inizjali' tfisser l-ewwel valutazzjoni mill-awtorità kompetenti biex tiddetermina jekk il-prestazzjoni tal-FSTD hijiex skont l-istandard tal-bażi tal-kwalifika rilevanti;

(32) 'Data ta' validazzjoni' tfisser id-data ta' test fuq l-art u tat-titjira, id-data tal-inġinerija u sorsi applikabbli oħra użati biex jikkonfermaw b'mod oġġettiv li l-FSTD jirrifletti l-karatteristiċi statiċi kif ukoll dinamiċi tal-immaniġġar u tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru simulat u s-sistemi rilevanti tiegħu;

(33) 'Verifika' tfisser, fil-kuntest tal-FSTDs, il-proċess biex jiġi żgurat li FSTD jissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalifika teknika applikabbli;

(34) 'Evalwazzjoni rikorrenti' tfisser il-valutazzjoni perjodika mill-awtorità kompetenti wara l-evalwazzjoni inizjali biex jiġi stabbilit jekk il-prestazzjoni tal-FSTD għadhiex skont l-istandard tal-bażi tal-kwalifika rilevanti;

(35) 'Evalwazzjoni speċjali' tfisser kwalunkwe valutazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' FSTD għajr l-evalwazzjonijiet inizjali u rikorrenti;

(36) 'Punt' tfisser, fil-kuntest tal-FSTDs, in-nuqqas ta' konformità ta' FSTD fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli tal-bażi tal-kwalifika tiegħu;

(37) 'Modifika' tfisser, fil-kuntest tal-FSTDs, bidla għal FSTD;

(38) 'Validazzjoni', fil-kuntest tal-FSTDs, tfisser il-proċess ta' valutazzjoni tal-kapaċitajiet ta' FSTD għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll;

(39) 'FSTD ta' legat' tfisser FSTD li ċ-ċertifikat ta' kwalifika tiegħu ma jinkludix FCS jew FCS assenjat u li jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) għall-ajruplani, simulatur ta' titjira sħiħa (FFS, Full Flight Simulator), apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD, Flight Training Device), tagħmir għat-taħriġ fil-proċeduri tat-titjir u tan-navigazzjoni (FNPT, Flight and Navigation Procedures Trainer) jew apparat bażiku għat-taħriġ fl-istrumenti (BITD, Basic Instrument Training Device);

(b) għall-ħelikopters, simulatur ta' titjira sħiħa (FFS), apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD) jew tagħmir għat-taħriġ fil-proċeduri tat-titjir u tan-navigazzjoni (FNPT);

(40) 'Grupp ta' inġenji tal-ajru' tfisser, fil-kuntest tal-FSTDs, inġenju tal-ajru li jkollu karatteristiċi operazzjonali u ta' mmaniġġar simili;

(41) 'Pjan direzzjonali tad-data tal-validazzjoni' tfisser dokument li jidentifika, fil-format ta' matriċi, is-sors jew is-sorsi tad-data għat-testijiet oġġettivi kollha meħtieġa ta' FSTD flimkien mar-raġunijiet jew l-ispjegazzjonijiet applikabbli;

(42) 'Rapport tal-inġinerija' tfisser dokument prodott mill-manifattur tal-FSTD biex jiddeskrivi d-data u l-metodi użati għad-disinn u l-verifika ta' FSTD skont il-bażi tal-kwalifika applikabbli;

(43) 'Fly-out' tfisser titjira simulata mwettqa matul it-twettiq tat-testijiet tal-funzjoni u dawk suġġettivi ta' FSTD li jinsab fil-QTG prinċipali (MQTG, Master Qualification Test Guide) minn bdot ikkwalifikat kif xieraq.";

(2) fl-Artikolu 10b, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"2. L-Istati Membri u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency) għandhom, meta joħorġu mill-ġdid ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness VI (il-Parti-ARA) għal FSTDs li kienu kkwalifikati f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli qabel it-30 ta' April 2028, jieħdu l-passi li ġejjin:

(a) mal-applikazzjoni mid-detentur taċ-ċertifikat, imla t-taqsima 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)' taċ-ċertifikat:

(i) fil-każ ta' FFSs li kienu kkwalifikati f'konformità mal-emenda 3 ta' JAR-STD 1A jew il-ħarġa inizjali jew ħarġa aktar tard ta' JAR-STD 1H, fil-każ ta' FTDs tal-livell 2 (FTD 2) u tal-livell 3 (FTD 3) li kienu kkwalifikati f'konformità mal-ħarġa inizjali ta' JAR-STD 2A jew il-ħarġa inizjali jew ħarġa aktar tard ta' JAR-STD 2H u fil-każ ta' FNPTs li kienu kkwalifikati f'konformità mal-bidla 1 ta' JAR-STD 3A jew il-ħarġa inizjali jew ħarġa aktar tard ta' JAR-STD 3H, b'waħda mill-entrati li ġejjin:

(1) FCS assenjata f'konformità mal-Appendiċi IX tal-Anness VI (il-Parti-ARA);

(2) l-FCS, wara evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mas-CS-FSTD applikabbli mit-30 ta' April 2028;

(ii) fil-każ ta' FFSs, FTD 2, FTD 3 u FNPTs għajr dawk speċifikati fil-punt (a)(i), b'waħda mill-entrati li ġejjin:

(1) FCS assenjata f'konformità mal-Appendiċi IX tal-Anness VI (il-Parti-ARA), wara evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-punt (a)(i), kif applikabbli;

(2) l-FCS, wara evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mas-CS-FSTD applikabbli mit-30 ta' April 2028;

(iii) fil-każ ta' FTD tal-livell 1 (FTD 1), b'FCS, wara evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mas-CS-FSTD applikabbli mit-30 ta' April 2028;

(iv) fi kwalunkwe każ fejn FSTD ikun ġie kkwalifikat bl-użu ta' kundizzjonijiet speċjali f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100(h)(1) tal-Anness VI (il-Parti-ARA), mal-FCS, wara evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mas-CS-FSTD applikabbli mit-30 ta' April 2028;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(i)-(iv) ma jiġux issodisfati:

(i) jinħareġ mill-ġdid iċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD mingħajr ma titlesta t-taqsima 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)';

(ii) meta jinħarġu mill-ġdid ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD għall-BITDs, inkludi l-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD stabbiliti fl-Appendiċi IV tal-Anness VI (il-Parti-ARA), kif applikabbli sad-29 ta' April 2028;

(c) qabel ma jerġa' jinħareġ ċertifikat ta' kwalifika tal-FTSD f'konformità mal-punt (a), l-applikant jiġi infurmat bir-riżultat tal-evalwazzjoni mill-ġdid.

3. Meta jaġixxu f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a), f'każijiet fejn FSTD ikun ikkwalifikat għal tipi u livelli multipli ta' kwalifika tal-FSTD li jissimulaw l-istess tip ta' inġenju tal-ajru, l-Istati Membri u l-EASA għandhom jgħaqqdu dawk iċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD f'ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD wieħed b'FCS waħda jew FCS waħda assenjata. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri u l-EASA għandhom jieħdu l-passi li ġejjin:

(a) jekk FSTD jissodisfa l-bażi tal-kwalifika msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(i), iwettqu waħda minn dawn li ġejjin:

(i) jieħdu l-ogħla livell ta' fiduċja għal kull karatteristika, li jirriżulta minn tqabbil tal-FCS assenjata għal kull kwalifika;

(ii) jekk id-detentur taċ-ċertifikat tal-FSTD japplika għal FCS, jiddeterminaw l-FCS wara evalwazzjoni tal-FSTD;

(b) jekk FSTD ma jissodisfax il-bażi tal-kwalifika msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(i), għal kull ċertifikat ta' kwalifika, l-Istat Membru u l-EASA għandhom joħorġu ċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD b'FCS jew FCS assenjata li hija ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a), (ii), (iii) jew (iv), kif applikabbli.

4. L-Istati Membri u l-EASA għandhom jissostitwixxu, mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru 2029, iċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD eżistenti b'ċertifikati li jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Appendiċi IV tal-Anness VI (il-Parti-ARA), dment li jkunu rċevew u rrieżaminaw dan li ġej:

(a) l-ESL;

(b) dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni tkun stabbiliet konformità mal-Parti-ORA, is-Subparti FSTD, kif emendata mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/781 (*).

Meta jissostitwixxu ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD eżistenti f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri u l-EASA għandhom jaġixxu f'konformità mal-paragrafu 2. Meta l-Istati Membri u l-EASA joħorġu ċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD f'konformità mal-format stabbilit fl-Appendiċi IV tal-Anness VI (il-Parti-ARA), l-ESL żviluppata għal dak iċ-ċertifikat tal-FSTD għandha ssir parti mill-kwalifika tal-FSTD.

5. Id-detenturi ta' ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD għandhom, għal kull ċertifikat ta' kwalifika tal-FSTD għajr dawk għall-BITDs, jiżviluppaw ESL u jissottomettuha lill-awtorità kompetenti, flimkien ma' dikjarazzjoni li tikkonferma li l-organizzazzjoni tkun stabbiliet il-konformità mas-Subparti FSTD tal-Anness VII (il-Parti-ORA), kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/781, fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta japplikaw għall-ħruġ mill-ġdid taċ-ċertifikat f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness VII (il-Parti-ORA);

(b) meta l-FSTD ikun maħsub biex jintuża għat-twettiq ta' taħriġ f'konformità mal-Anness I (il-Parti-FCL) ta' dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, f'konformità ma' programm tat-taħriġ ġdid jew emendat;

(c) mhux aktar tard mit-30 ta' April 2029.

6. Ċertifikat ta' kwalifika tal-BITD għandu jibqa' validu soġġett għal evalwazzjonijiet rikorrenti, li għandhom jitwettqu mill-awtorità kompetenti kull 3 snin.

7. Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament li jinkludu referenza għat-tipi u l-livelli ta' FSTDs għandhom jiġu applikati għal FSTDs b'FCS jew FCS assenjata f'konformità mal-punt FCL.036 tal-Anness I (il-Parti-FCL).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/781 tat-8 ta' April 2026 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1178/2011 u (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għall-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir u l-użu ta' dak l-apparat għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll tal-bdoti (ĠU L, 2026/781, 10.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/781/oj).";

(3) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness VI huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(5) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(6) l-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' April 2028.

Madankollu, il-punti (5) [FCL.740.H], (6) [il-punt FCL.930.TRI] u (7) [il-punt FCL.935.TRI] tal-Anness I għandhom japplikaw mit-30 ta' April 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Emendi tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt FCL.010, id-definizzjoni ta' "apparat tat-taħriġ fit-titjir (FTD, Flight Training Device)" hija sostitwita b'dan li ġej:
""Apparat tat-Taħriġ fit-Titjir (FTD)" tfisser replika ta' daqs sħiħ tal-istrumenti, it-tagħmir, il-panewijiet u l-kontrolli ta' tip speċifiku ta' inġenju tal-ajru f'żona ta' kabina tal-pilota miftuħa jew magħluqa fuq inġenju tal-ajru, inklużi l-assemblaġġ tat-tagħmir u l-programmi informatiċi meħtieġa biex jirrappreżentaw l-inġenju tal-arju f'kundizzjonijiet fuq l-art u fl-ajru skont is-sistemi installati fl-apparat.";

(2) jiddaħħal il-punt FCL.036 li ġej:

"**FCL.036 L-użu ta' FSTDs għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll**

L-applikanti għandhom ikunu intitolati li jikkonformaw mar-rekwiżiti li jirreferu għal tipi u livelli ta' FSTDs billi jużaw l-FSTDs li ċ-ċertifikati ta' kwalifika tagħhom jinkludu FCSs jew FCSs assenjati, dment li japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) għal kull karatteristika, l-FCS jew l-FCS assenjata tindika livell ta' fedeltà li huwa daqs jew ogħla mill-ekwivalenti ddeterminat fit-tabelli ta' hawn taħt:

(1) għall-ajruplani:

it-tip u r-referenza tal-livell tal-FSTD	FCS ekwivalenti													
	1. Tqassim u struttura tal-kabina tal-pilota	2. Forzi u hardware tal-kontroll tat-titjir	3. Tħaddim tas-sistemi tal-kontroll tat-titjir	4. Sistemi ta' inġenji tal-ajru	5. Prestazzjoni u mmaniġġar fuq l-art	6. Prestazzjoni u mmaniġġar bl-effett tal-art	7. Prestazzjoni u mmaniġġar minħajr l-effett tal-art	8. Riproduzzjoni tal-ħoss	9. Riproduzzjoni tal-vibrazzjoni	10. Riproduzzjoni tal-moviment	11. Riproduzzjoni viżwali	12. Navigazzjoni	13. Atmosfera u temp	14. Siti operatorji u terren
FNPT I	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	Ġ	E	E	E	E	R	E	E
FNPT II / FNPT II MCC	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	Ġ	R	Ġ	Ġ
FTD 2	S	R	S	S	E	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	S	E	E
FSTD ikkwalifikat għal standard ekwivalenti għal-livell B	S	R	S	S	R	R	R	Ġ	R	R	Ġ	S	Ġ	Ġ
FFS tal-livell C	S	S	S	S	S	S	S	R	R	S	R	S	S	S
FFS *interim* tal-livell C	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S interim	S	S	S	S
FFS tal-livell D	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S

Nota: 'S', speċifiku; 'R', rappreżentattiv; 'Ġ', ġeneriku; 'E', l-ebda.

(2) għall-ħelikopters:

it-tip u r-referenza tal-livell tal-FSTD	FCS ekwivalenti													
	1. Tqassim u struttura tal-kabina tal-pilota	2. Forzi u ħardware tal-kontroll tat-titjir	3. Tħaddim tas-sistemi tal-kontroll tat-titjir	4. Sistemi ta' inġenji tal-ajru	5. Prestazzjoni u mmaniġġar fuq l-art	6. Prestazzjoni u mmaniġġar bl-effett tal-art	7. Prestazzjoni u mmaniġġar mingħajr l-effett tal-art	8. Riproduzzjoni tal-ħoss	9. Riproduzzjoni tal-vibrazzjoni	10. Riproduzzjoni tal-moviment	11. Riproduzzjoni viżwali	12. Navigazzjoni	13. Atmosfera u temp	14. Siti operatorji u terren
FNPT I	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	E	E	E	E	E	R	E	E
FNPT II/FNPT II MCC	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	Ġ
FNPT III/FNPT III MCC	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	R
FTD 2/FTD 2 MCC	R	R	R	S	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	S	Ġ	R
FTD 3/FTD 3 MCC	R	R	R	S	Ġ	R	R	Ġ	E	E	R	S	R	R
FFS tal-livell C	S	S	S	S	S	S	S	R	R	S	R	S	S	R
FFS tal-livell D	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S

(b) l-FSTDs għandhom:

(1) hardware tattili;

(2) kontrolli tat-titjira primarji li l-forzi tagħhom jinbidlu abbażi tal-kundizzjonijiet differenti tat-titjir għall-eżerċizzji li jinvolvu titjira manwali, ħlief fil-każ ta' FSTDs li l-FCSs jew l-FCS assenjata tagħhom ikunu taħt l-ekwivalenti ta' FNPT II;

(3) fejn jintuża għat-taħriġ tal-MCC, il-kapaċità addizzjonali għall-MCC indikata fiċ-ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD.";

(3) il-punt FCL.110.H huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-applikanti għal-liċenzja ta' bdot ta' inġenji tal-ajru ħfief għall-helikopters (LAPL(H), Light Aircraft Pilot Licence for Helicopters) għandhom ikunu lestew 40 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fil-ħelikopters u, sa fejn u skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt (aa), fl-FSTDs. It-tagħlim fit-titjir għandu jinkludi tal-anqas dan kollu li ġej:

(1) 20 siegħa ta' tagħlim fit-titjir b'żewġ bdoti;

(2) 10 sigħat ta' ħin ta' titjir ta' bdot waħdu ssorveljat, inklużi tal-anqas 5 sigħat ta' ħin ta' titjir cross-country tal-bdot waħdu b'tal-anqas titjira waħda cross-country ta' tal-anqas 150 km (80 NM), li matulha għandu jsir inżul wieħed b'waqfien totali f'ajrudrom differenti mill-ajrudrom tat-tluq;

(3) 35 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fl-istess tip ta' ħelikopter li jintuża għat-test tal-ħiliet.";

(b) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) Mill-20 siegħa ta' tagħlim fit-titjir b'żewġ bdoti speċifikat fil-punt (a)(1), l-applikanti jistgħu jlestu massimu ta' 5 sigħat f'FSTD, dment li japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(1) l-FSTD jirrappreżenta t-tip ta' ħelikopter li għandu jintuża għat-test tal-ħiliet;

(2) l-organizzazzjoni tat-taħriġ uriet lill-awtorità kompetenti li hija responsabbli għas-sorveljanza ta' dik l-organizzazzjoni tat-taħriġ tal-adegwatezza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD u l-programm ta' taħriġ tal-LAPL(H). L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) organizzazzjoni tat-taħriġ approvata (ATO, Approved Training Organisation);

(ii) organizzazzjoni tat-taħriġ iddikjarata (DTO, Declared Training Organisation) dment li l-awtorità kompetenti tkun awtorizzat l-użu ta' dak l-FSTD għat-taħriġ tal-LAPL(H).";

(4) il-punt FCL.210.H huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-applikanti għal liċenzja ta' bdot privat għall-ħelikopters (PPL(H), Private Pilot Licence for Helicopters) għandhom ikunu lestew tal-anqas 45 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fuq ħelikopters, u, sa fejn u skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt (aa) fl-FSTDs. It-tagħlim fit-titjir għandu jinkludi tal-anqas dan kollu li ġej:

(1) 25 siegħa ta' tagħlim fit-titjir b'żewġ bdoti;

(2) 10 sigħat ta' ħin ta' titjir bi bdot waħdu taħt sorveljanza, inklużi tal-anqas 5 sigħat ta' ħin ta' titjir cross-country bi bdot waħdu b'tal-anqas titjira waħda cross-country ta' tal-anqas 185 km (100 NM), bi nżul ta' waqfien sħiħ f'żewġ ajrudromi differenti mill-ajrudrom tat-tluq;

(3) 35 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fit-tip ta' ħelikopter li jintuża għat-test tal-ħiliet.";

(b) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) Mill-25 siegħa ta' tagħlim fit-titjir b'żewġ bdoti speċifikat fil-punt (a)(1), l-applikanti jistgħu jlestu waħda minn dawn li ġejjin fl-FSTDs:

(1) massimu ta' 5 sigħat;

(2) massimu ta' 10 sigħat, dment li jikkonformaw ma' dan kollu li ġej:

(i) ikunu lestew tal-anqas 5 minn dawk l-10 sigħat f'FSTD li jirrappreżenta t-tip ta' ħelikopter li għandu jintuża għat-test tal-ħiliet;

(ii) ilestu l-kors ta' taħriġ f'organizzazzjoni ta' taħriġ li, fir-rigward tal-FSTD speċifikat fil-punt (i), uriet lill-awtorità kompetenti li hija responsabbli għas-sorveljanza ta' dik l-organizzazzjoni ta' taħriġ tal-adegwatezza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD u l-programm ta' taħriġ tal-PPL(H). L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(A) ATO;

(B) DTO, dment li l-awtorità kompetenti tkun awtorizzat l-użu ta' dak l-FSTD għat-taħriġ tal-PPL(H).";

(5) fil-punt FCL.740.H(c), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kontroll tal-profiċjenza jew it-taħriġ ta' aġġornament, kif applikabbli, għandu jitwettaq kull darba fuq tip differenti. Il-perjodu ta' validità l-ġdid tal-klassifikazzjonijiet tat-tip kollha li ġew ivvalidati mill-ġdid f'konformità ma' dan il-punt għandu jibda flimkien mal-perjodu ta' validità tal-klassifikazzjoni tat-tip li għaliha jsir il-kontroll tal-profiċjenza jew it-taħriġ ta' aġġornament.";

(6) fil-punt FCL.930.TRI, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-applikanti li għandhom jew kellhom ċertifikat ta' struttur għandhom ikunu kkreditati b'mod sħiħ fir-rigward tar-rekwiżit ta' (ab)(1).";

(7) fil-punt FCL.935.TRI, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) B'deroga mill-punt (b), il-valutazzjoni ta' kompetenza:

(1) għal strutturi ta' kwalifika ta' tip (TRIs, Type Rating Instructors) għal ħelikopters mhux kumplessi jistgħu jitwettqu f'kombinament ta' FSTD(s) u l-inġenju tal-ajru anke jekk FFS ikun disponibbli u aċċessibbli;

(2) għal TRIs għall-ħelikopters imsemmija fit-Taqsima A, il-punt 1e(c) tal-Appendiċi 9 jista' jitwettaq f'konformità mal-punti FCL.935.TRI(b)(1), (2) jew (3), irrispettivament mid-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-FFS jew tal-FSTD.";

(8) l-Appendiċi 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 1f huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1f. Jekk l-FSTDs jintużaw matul it-taħriġ, l-ittestjar jew il-kontroll, għandu japplika dan li ġej:

(a) FSTD għandu jintuża biss għal eżerċizzju partikolari jekk l-FSTD ikollu l-karatteristiċi u l-livelli ta' fedeltà relatati biex jissimula l-inġenju tal-ajru rilevanti, ir-riproduzzjoni u l-karatteristiċi ta' simulazzjoni tal-ambjent f'dak l-eżerċizzju sa fejn ikun meħtieġ biex il-kandidat:

(i) jiżviluppa l-ħiliet kif meħtieġ għall-istadju xieraq tat-taħriġ;

(ii) juri l-ħiliet biex iħaddem b'mod sikur l-inġenju tal-ajru rilevanti matul l-eżerċizzju rilevanti għall-ittestjar u l-kontroll;

(b) barra minn hekk, l-adegwatezza tal-FSTDs użati għandha tiġi vverifikata billi tiġi mqabbla mat-'Tabella tal-funzjonijiet u tat-testijiet suġġettivi' applikabbli u mat-'Tabella tat-testijiet ta' validazzjoni tal-FSTD' li tinsab fil-PRD applikabbli għall-apparat użat.

Għandhom jitqiesu r-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet kollha indikati fuq iċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-apparat jew fl-ESL assoċjata.";

(ii) jiddaħħal il-punt 1g li ġej:

"1g. Fejn speċifikat fit-tabelli stabbiliti fit-Taqsimiet B – E ta' dan l-Appendiċi, jista' jintuża apparat ieħor ta' taħriġ (OTDs, Other Training Devices) biex jitwettqu l-kompiti ta' taħriġ ta' programm ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip. Madankollu, il-ħin ta' taħriġ li jsir fuq dan l-apparat ma għandux jintgħadd mal-ħin minimu ta' taħriġ tal-FSTD speċifikat fil-programm ta' taħriġ rilevanti tal-klassifikazzjoni tat-tip.";

(iii) il-punt 18 huwa emendat kif ġej:

— il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għat-taħriġ għall-irkuprar tal-pożizzjonament tal-ajruplan waqt instabbiltà, 'avveniment ta' waqfien' tfisser jew avviċinament għal waqfien, jew waqfien. L-ATO tista' tuża FFS tal-livell C jew tal-livell D biex tħarreġ fl-irkupru minn waqfien jew biex jintwerew il-karatteristiċi speċifiċi għat-tip ta' waqfien, jew it-tnejn li huma, dment li jintlaħqu ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:";

— il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-FFS ikun ġie kkwalifikat f'konformità mar-rekwiżiti ta' evalwazzjoni speċjali fis-CS-FSTD(A), il-Ħarġa 2 jew f'konformità mal-aħħar bażi ta' kwalifika applikabbli;";

(b) it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

— il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) Is-simboli li ġejjin ifissru:

P =	Imħarreġ bħala bdot fil-kmand (PIC, Pilot-In-Command) jew kobdot u bħala bdot itir (PF, Pilot Flying) u bdot ta' monitoraġġ (PM, Pilot Monitoring)
X =	Ma għandux jintuża ajruplan għal dan l-eżerċizzju
P# =	It-taħriġ għandu jkun ikkomplementat minn spezzjoni b'sorveljanza ta' ajruplan.

(b) It-taħriġ prattiku għandu jsir tal-anqas fil-livell tal-apparat tat-taħriġ muri bħala (P), jew jista' jsir fi kwalunkwe livell ogħla ta' apparat muri bil-vleġġa (→).

It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jiġi indikat it-tagħmir ta' taħriġ użat:

A = ajruplan

FFS = simulatur ta' titjira sħiħa

FSTD = apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir

OTD = apparat ieħor ta' taħriġ.";

— it-tabella wara l-punt (1) hija sostitwita b'dan li ġej:

"TMGs U AJRUPLANI BI BDOT WIEĦED, GĦAJR GĦAL AJRUPLANI KUMPLESSI TA' PRESTAZZJONI GĦOLJA		TAĦRIĠ PRATTIKU				TEST TAL-APTITUDNI TA' KLASSIFIKAZZJONI TAL-KLASSI JEW TAT-TIP/KONTROLL TAL-PROFIĊJENZA	
Manuvri/Proċeduri		OTD	FSTD	A	Inizjali tal-istruttur meta jitlesta t-taħriġ	Ittestjat jew iċċekkjat f'FSTD jew A	Inizjali tal-eżaminatur meta jitlesta t-test jew l-iċċekkjar
	TAQSIMA 1						
1 1.1	Tluq Qabel it-titjira, inkluż: — dokumentazzjoni; — massa u bilanċ; — rapport dwar it-temp; u — NOTAM.	P					
1.2	Kontrolli ta' qabel l-istartjar						
1.2.1	Estern	P#		P		M	
1.2.2	Isem	P#	P#	P		M	
1.3	Startjar tal-magna: ħsarat normali		P	→		M	
1.4	Taxiing		P	→		M	
1.5	Kontrolli ta' qabel it-tluq: run-up tal-magna (jekk applikabbli)		P	→		M	
1.6	Proċedura ta' qtugħ mill-art: — normali bl-impostazzjonijiet tal-flapps skont il-manwal tat-titjir; u — riħ trażversali (jekk il-kundizzjonijiet ikunu disponibbli).		P	→		M	
1.7	Tlugħ: — V_x/V_y — tidwiriet fuq pruwi; u — livellar.		P	→		M	
1.8	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P			M	

	TAQSIMA 2						
2 2.1	Kundizzjonijiet tat-titjir (kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (VMC, visual meteorological conditions)) Titjira dritta u livellata b'veloċitajiet fl-ajru differenti, inkluża titjira b'veloċità fl-ajru baxxa ħafna bil-flapps u mingħajrhom (inkluż avviċinament lejn V_{mca} meta applikabbli)		P	→			
2.2	Dawriet stretti (360° xellug u lemin b'xaqliba trażversali ta' 45°)		P	→		M	
2.3	Waqfien u rkupru: (i) waqfien mingħajr periklu; (ii) avviċinament għal waqfien b'qawwa f'dawra ta' nżul b'xaqliba trażversali b'konfigurazzjoni ta' avviċinament; (iii) avviċinament għal waqfien b'qawwa b'konfigurazzjoni ta' llandjar; u (iv) avviċinament għal waqfien, dawra ta' tlugħ bil-flapp ta' qtugħ mill-art u b'qawwa ta' tlugħ (ajruplani b'magna waħda biss).		P	→		M	
2.4	Immaniġġar bl-użu tal-pilota awtomatiku u d-direttur tat-titjira (jista' jsir fit-Taqsima 3) jekk applikabbli		P	→		M	
2.5	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P	→		M	
	TAQSIMA 3A						
3 A 3A.1	Proċeduri VFR waqt ir-rotta (Ara B.5 (c) u (d)) Pjan tat-titjira, navigazzjoni stmata u qari ta' mapep		P	→			
3 A.2	Żamma tal-altitudni, tad-direzzjoni tal-pruwa u tal-veloċità		P	→			
3 A.3	Orjentazzjoni, kronometraġġ u reviżjoni tal-ETAs		P	→			
3 A.4	Użu ta' għajnuniet ta' radjunavigazzjoni (jekk applikabbli)		P	→			
3 A.5	Immaniġġjar tat-titjira (ġurnal ta' abbord, kontrolli ta' rutina inklużi fjuwil, sistemi u formazzjoni ta' silġ)		P	→			
3 A.6	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P	→			
	TAQSIMA 3B						
3B 3B.1*	Titjira bl-istrumenti IFR ta' tluq		P	→		M	
3B.2*	IFR waqt rotta		P	→		M	

3B.3*	Proċeduri ta' stennija fir-rotta		P	→		M	
3B.4*	Operazzjonijiet 3D sa altitudni/għoli deċiżjonali (DA/H, Decision Altitude/Height) ta' 200 pied (60 m) jew sa valuri minimi oġħla jekk meħtieġa fil-proċedura tal-avviċinament (jista' jintuża l-pilota awtomatiku għall-intersezzjoni vertikali fis-segment tal-avviċinament finali)		P	→		M	
3B.5*	Operazzjonijiet 2D sa altitudni/għoli minimi tal-inżul (MDA/H, Minimum Descent Altitude/Height)		P	→		M	
3B.6*	Eżerċizzji f'titjir inkluża ħsara simulata tal-kumpass u tal-indikatur tal-attitudni: — dawriet tar-rata 1; u — irkupru minn attitudnijiet mhux tas-soltu.		P	→		M	
3B.7*	Ħsara tal-lokalizzatur jew fl-indikatur tat-trajettorja ta' nżul		P	→			
3B.8*	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P	→		M	
	Imħalli vojt intenzjonalment						
	TAQSIMA 4						
4 4.1	Wasla u llandjar Proċedura ta' wasla f'ajrudrom		P	→		M	
4.2	Illandjar normali		P	→		M	
4.3	Illandjar mingħajr flapps		P	→		M	
4.4	Illandjar f'riħ trażversali (jekk il-kundizzjonijiet ikunu xierqa)		P	→			
4.5	Avviċinament u llandjar b'magna mixgħula iżda mhux ingranata (idle power) sa 2 000 pied 'il fuq mir-runway (ajruplani b'magna waħda biss)		P	→			
4.6	Go-around minn għoli minimu		P	→		M	
4.7	Go-around mal-madwar u llandjar billejl (jekk applikabbli)		P	→			
4.8	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P	→		M	
	TAQSIMA 5						
5	Proċeduri anormali u ta' emerġenza (Din it-taqsima tista' tingħaqad mat-Taqsimiet 1 sa 4.)						
5.1	Qtugħ mill-art b'veloċità raġonevoli		P	→		M	

5.2	Ħsara simulata ta' magna wara l-qtugħ mill-art (ajruplani b'magna waħda biss)			P		M	
5.3	Illandjar furzat simulat mingħajr qawwa (ajruplani b'magna waħda biss)			P		M	
5.4	Emerġenzi simulati: (i) nar jew duħħan waqt titjira; u (ii) ħsarat fis-sistemi skont il-każ		P	→			
5.5	Taħriġ għal ajruplani ME u għal TMG biss: tifi u startjar mill-ġdid tal-magna (f'altitudni mingħajr periklu jekk isir f'inġenji tal-ajru)		P	→			
5.6	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T						
	TAQSIMA 6						
6 6.1*	Titjira asimetrika simulata (Din it-taqsima tista' tingħaqad mat-Taqsimiet 1 sa 5.) Ħsara simulata ta' magna waqt il-qtugħ mill-art (f'altitudni sikura, sakemm ma ssirx f'FFS jew f'FNPT II)		P	→		M	
6.2*	Avviċinament asimetriku u go-around		P	→		M	
6.3*	Avviċinament asimetriku u llandjar sħiħ		P	→		M	
6.4	Kollegament mal-ATC – konformità, proċeduri R/T		P	→		M	
	TAQSIMA 7						
7	UPRT						
7.1	Manuvri u proċeduri ta' titjira						
7.1.1	Titjira manwali b'diretturi tat-titjira u mingħajrhom (l-ebda pilota awtomatiku, l-ebda autothrust/ autothrottle, u skont liġijiet ta' kontroll differenti, fejn applikabbli)		P	→			
7.1.1.1	B'veloċitajiet (inkluż titjir bil-mod) u altitudnijiet differenti fil-pakkett ta' taħriġ FSTD		P	→			
7.1.1.2	Dawriet stretti b'xaqliba trażversali ta' 45°, 180° sa 360° xellug u lemin		P	→			
7.1.1.3	Dawriet bi spoilers jew mingħajrhom		P	→			

7.1.1.4	Titjir u manuvri strumentali proċedurali, inklużi t-tluq u l-wasla bl-istrumenti u l-avviċinament viżwali		P	→			
7.2 7.2.1	Taħriġ għall-irkuprar tal-pożizzjonament waqt instabbiltà Irkupru minn avvenimenti ta' waqfien waqt: — konfigurazzjoni tal-qtugħ mill-art; — konfigurazzjoni mingħajr periklu f'altitudni baxxa; — konfigurazzjoni mingħajr periklu qrib l-altitudni operattiva massima; u — konfigurazzjoni ta' llandjar.		P	→			
7.2.2	L-eżerċizzji li ġejjin b'rabta mal-instabbiltà: — l-irkupru minn "nose-high" f'diversi angoli ta' inklinazzjoni laterali; u — l-irkupru minn "nose-low" f'diversi angoli ta' inklinazzjoni laterali.		P	→			
7.3	Go-around bil-magni kollha jaħdmu* minn diversi stadji matul avviċinament bl-istrumenti		P	→			
7.4	Illandjar rifjutat bil-magni kollha jaħdmu: — minn għoli differenti taħt id-DH/MDH 15 m (50 pied) 'il fuq mil-livell limitu tar-runway; — wara li tintmess l-art (illandjar abortit); — f'ajruplani li ma jkunux ċertifikati bħala ajruplani tal-kategorija tat-trasport (JAR/FAR 25) jew bħala ajruplani tal-kategorija tal-vjaġġaturi transfruntiera (SFAR 23), l-illandjar rifjutat bil-magni kollha jaħdmu għandu jinbeda taħt l-MDA/H jew wara li tintmess l-art.		P	→"			

(ii) il-punt 6 huwa emendat kif ġej:

— il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) Is-simboli li ġejjin ifissru:

P = Imħarreġ bħala PIC jew kobdot u bħala PF u PM għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tat-tip skont kif applikabbli

X = Ma għandux jintuża ajruplan għal dan l-eżerċizzju

P→ = L-eżerċizzju għandu jitlesta f'FSTD kwalifikat kif xieraq

P# = It-taħriġ għandu jkun ikkomplementat minn spezzjoni b'sorveljanza ta' ajruplan.

(b) It-taħriġ prattiku għandu jsir tal-anqas fil-livell tal-apparat tat-taħriġ muri bħala (P), jew jista' jsir fi kwalunkwe livell ogħla ta' apparat muri bil-vleġġa (→).

It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jiġi indikat it-tagħmir ta' taħriġ użat:

A = ajruplan

FFS = simulatur ta' titjira sħiħa

FSTD = apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir

OTD = apparat ieħor ta' taħriġ.";

— it-tabella wara l-punt (j) hija sostitwita b'dan li ġej:

"AJRUPLANI B'AKTAR MINN BDOT WIEĦED U AJRUPLANI KUMPLESSI TA' PRESTAZZJONI GĦOLJA BI BDOT WIEĦED		TAĦRIĠ PRATTIKU				TEST TAL-APTITUDNI JEW KONTROLL TAL-PROFIĊJENZA DWAR ATPL/MPL/ KLASSIFIKAZZJONI TAT-TIP	
Manuvri/Proċeduri		OTD	FSTD	A	Inizjali tal-istruttur meta jitlesta t-taħriġ	Ittestjat jew iċċekkjat f'FSTD jew A	Inizjali tal-eżaminatur meta jitlesta t-test jew l-iċċekkjar
	TAQSIMA 1						
1	Tħejjija għat-titjira	P					
1.1	Kalkolu tal-prestazzjoni						
1.2	Spezzjoni viżiva esterna tal-ajruplan; is-sit fejn ikun jinsab kull punt u l-għan tal-ispezzjoni	P#	P#	P			
1.3	Spezzjoni tal-kabina tal-pilota		P	→			
1.4	L-użu tal-lista ta' kontroll qabel ma jixtegħlu l-magni, proċeduri tal-istartjar, kontroll tat-tagħmir tar-radju u tan-navigazzjoni, l-għażla u l-issettjar tal-frekwenzi ta' navigazzjoni u komunikazzjoni		P	→		M	
1.5	Taxiing f'konformità mal-istruzzjonijiet ta' ATC jew mal-istruzzjonijiet tal-istruttur		P	→			
1.6	Kontrolli qabel il-qtugħ mill-art		P	→		M	
	TAQSIMA 2						
2	Qtugħ mill-art		P	→			
2.1	Qtugħ mill-art normali bil-flapps issettjati b'mod differenti, inkluż qtugħ mill-art ta' malajr						
2.2*	Qtugħ mill-art bl-istrumenti; tkun meħtieġa tranżizzjoni għal titjira bl-istrumenti matul rotazzjoni jew minnufih wara t-tlugħ fl-ajru		P	→			
2.3	Qtugħ mill-art f'riħ trażversali		P	→			

2.4	Qtugħ mill-art f'massa massima waqt il-qtugħ mill-art (massa massima reali jew simulata waqt il-qtugħ mill-art)		P	→			
2.5 2.5.1*	Qtugħ mill-art bi ħsara simulata fil-magna: ftit wara li tintlaħaq V_2		P	→			
	(F'ajruplani li ma jkunux iċċertifikati bħala kategorija ta' ajruplani ta' trasport jew ta' kategorija ta' vvjaġġar minn post għall-ieħor, il-ħsara fil-magna ma għandhiex tkun simulata qabel ma jintlaħaq għoli massimu ta' 500 pied 'il fuq mit-tarf tar-runway. Għal ajruplani li jkollhom l-istess prestazzjoni ta' ajruplan tal-kategorija tat-trasport fir-rigward tal-massa tal-qtugħ mill-art u l-altitudni ta' densità, l-istruttur jista' jissimula l-ħsara fil-magna ftit wara li tintlaħaq V_2.)						
2.5.2*	bejn V_1 u V_2		P	X		M FFS biss	
2.6	Qtugħ mill-art rifjutat f'veloċità raġonevoli qabel ma tintlaħaq V_1		P	→		M	
	TAQSIMA 3						
3 3.1	Manuvri u proċeduri ta' titjira Titjira manwali b'diretturi tat-titjira u mingħajrhom (l-ebda pilota awtomatiku, l-ebda autothrust/ autothrottle, u skont liġijiet ta' kontroll differenti, fejn applikabbli)		P	→			
3.1.1	B'veloċitajiet (inkluż titjir bil-mod) u altitudnijiet differenti fil-pakkett ta' taħriġ FSTD		P	→			
3.1.2	Dawriet stretti b'xaqliba trażversali ta' 45°, 180° sa 360° xellug u lemin		P	→			
3.1.3	Dawriet bi spoilers jew mingħajrhom		P	→			
3.1.4	Titjir u manuvri strumentali proċedurali, inklużi t-tluq u l-wasla bl-istrumenti u l-avviċinament viżwali		P	→			

3.2	Tuck under u Mach buffets (jekk applikabbli), u karatteristiċi speċifiċi oħrajn tat-titjir tal-ajruplan (eż. Dutch Roll)		P	X		FFS biss	
3.3	Operat normali tas-sistemi u kontroll tal-panew tal-inġinier (jekk applikabbli)	P	→	→			
3.4	Operazzjonijiet normali u anormali tas-sistemi li ġejjin:					M	Għandu jintgħażel minimu obbligatorju ta' 3 punti anormali minn 3.4.0 sa 3.4.14
3.4.0	Magna (jekk ikun meħtieġ, l-iskrun)	P	→	→			
3.4.1	Pressurizzazzjoni u kundizzjonament tal-arja	P	→	→			
3.4.2	Sistema pitot/statika	P	→	→			
3.4.3	Sistema tal-fjuwil	P	→	→			
3.4.4	Sistema elettrika	P	→	→			
3.4.5	Sistema idrawlika	P	→	→			
3.4.6	Kontroll ta' titjira u s-sistema ta' trim	P	→	→			
3.4.7	Sistema kontra l-formazzjoni tas-silġ/sistema tat-tneħħija tas-silġ, tisħin għall-protezzjoni kontra t-tleħħija	P	→				
3.4.8	Pilota awtomatiku/direttur tat-titjira	P	→			M (bdot waħdu biss)	
3.4.9	Apparat ta' twissija ta' waqfien jew apparat biex jiġi evitat il-waqfien u apparat biex tiżdied l-istabbiltà	P	→				
3.4.10	Sistema ta' twissija ta' qrubija lejn l-art, radar tat-temp, altimetru tar-radar, transponder		P				
3.4.11	Radji, tagħmir tan-navigazzjoni, strumenti, FMS	P	→				
3.4.12	Attrezzatura għall-illandjar u l-ibbrejkjar	P	→	→			
3.4.13	Sistema ta' paletti u flapps	P	→	→			
3.4.14	Unità ta' potenza awżiljarja (APU, Auxiliary power unit)	P	→	→			
	Imħalli vojt intenzjonalment						

3.6	Proċeduri anormali u ta' emerġenza:					M	Għandu jintgħażel minimu obbligatorju ta' 3 punti minn 3.6.1 sa 3.6.9, li jinkludi t-tnejn li huma.
3.6.1	Taħriġ kontra n-nirien, eż. magna, APU, kabina, kompartiment tat-tagħbija, kabina tal-pilota, nirien fil-ġwienaħ u fis-sistema tal-elettriku, inkluża l-evakwazzjoni		P	→			
3.6.2	Kontroll u tneħħija tad-duħħan		P	→			
3.6.3	Ħsarat, waqfien u startjar mill-ġdid tal-magni f'għoli mingħajr periklu		P	→			
3.6.4	Rimi ta' fjuwil (simulat)		P	→			
3.6.5	Gradjent tar-riħ waqt il-qtugħ mill-art/l-illandjar		P	X		FFS biss	
3.6.6	Ħsara simulata fil-pressurizzazzjoni tal-kabina/inżul ta' emerġenza simulat		P	→			
3.6.7	Inabilitazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ tat-titjira		P	→			
3.6.8	Proċeduri oħrajn ta' emerġenza kif deskritti fil-manwal tat-titjira tal-inġenju tal-ajru (AFM, aeroplane flight manual) xieraq		P	→			
3.6.9	Event ta' Sistema ta' Twissija tat-Traffiku u Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet (TCAS, Traffic Alert and Collision Avoidance System)	P→	→	X		FFS biss	
3.7 3.7.1	Taħriġ għall-irkuprar tal-pożizzjonament waqt instabbiltà Irkupru minn avvenimenti ta' waqfien waqt: — konfigurazzjoni tal-qtugħ mill-art; — konfigurazzjoni mingħajr periklu f'altitudni baxxa; — konfigurazzjoni mingħajr periklu qrib l-altitudni operattiva massima; u — konfigurazzjoni ta' llandjar.		P FFS ikkwalifikat għall-kompitu ta' taħriġ biss	X			
3.7.2	L-eżerċizzji li ġejjin b'rabta mal-instabbiltà: — l-irkupru minn "nose-high" f'diversi angoli ta' inklinazzjoni laterali; u — l-irkupru minn "nose-low" f'diversi angoli ta' inklinazzjoni laterali.		P FFS ikkwalifikat għall-kompitu ta' taħriġ biss	X		FFS biss	

3.8	Proċeduri ta' titjir bl-istrumenti						
3.8.1*	Konformità mar-rotot tat-tluq u tal-wasla u mal-istruzzjonijiet tal-ATC		P	→		M	
3.8.2*	Proċeduri ta' stennija fir-rotta		P	→			
3.8.3*	Operazzjonijiet 3D għal DA/H f'200 pied (60 m) jew għal valuri minimi oghla jekk mitluba fil-proċedura tal-avviċinament						
	Nota: Skont l-AFM, il-proċeduri RNP APCH jistgħu jkunu jeħtieġu l-użu ta' pilota awtomatiku jew ta' direttur tat-titjira. Il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-ajru manwalment għandha tintgħażel filwaqt li jitqiesu dawn il-limitazzjonijiet (eż. billi tagħżel ILS għal 3.8.3.1 fil-każ ta' limitazzjoni AFM ta'dan it-tip).						
3.8.3.1*	Manwalment, mingħajr direttur tat-titjira		P	→		M (test tal-aptitudni biss)	
3.8.3.2*	Manwalment, b'direttur tat-titjira		P	→			
3.8.3.3*	Bil-pilota awtomatiku		P	→			
3.8.3.4*	B'mod manwali, b'magna waħda simulata li ma taħdimx waqt l-avviċinament finali, jew sakemm tintmess l-art jew permezz tal-proċedura shiħa ta' avviċinament bla suċċess (kif applikabbli), u b'bidu minn: (i) qabel ma jinqabżu l-1 000 pied 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom; u (ii) wara li jinqabżu l-1 000 pied 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom. F'ajruplani li ma jkunux iċċertifikati bħala kategorija ta' ajruplani ta' trasport (JAR/FAR 25) jew bħala kategorija ta' ajruplani ta' vvjaġġar minn post għall-ieħor (SFAR 23), l-avviċinament bi ħsara simulata tal-magna u l-avviċinament b'go-around li jirriżulta għandhom jinbdew flimkien mal-avviċinament 2D b'mod konformi ma' 3.8.4. Il-go-around għandu jinbeda meta jintlaħaq l-għoli/tintlaħaq l-altitudni ppubblikata ta' spazju ħieles mingħajr ostaklu (OCH/A, Obstacle Clearance Height/Altitude); madankollu, mhux aktar tard minn meta jintlaħaq MDA/H ta' 500 pied 'il fuq mill-elevazzjoni minima tar-runway. Għal ajruplani li jkollhom l-istess prestazzjoni ta' ajruplan tal-kategorija tat-trasport fir-rigward tal-massa waqt il-qtugħ mill-art u l-altitudni ta' densità, l-istruttur jista' jissimula l-ħsara fil-magna f'konformità mal-eżerċizzju 3.8.3.4.		P	→		M	

3.8.4*	Operazzjonijiet 2D sal-MDA/H		P*	→		M	
3.8.5	Avviċinament b'dawran bil-kundizzjonijiet li ġejjin: (a)* avviċinament għall-altitudni minima awtorizzata ta' avviċinament b'dawran fl-ajrudrom inkwistjoni f'konformità mal-faċilitajiet lokali ta' avviċinament bl-istrumenti f'kundizzjonijiet ta' titjir simulat bl-istrumenti; segwit minn: (b) avviċinament b'dawran għal runway oħra tal-anqas 90° lil hinn mil-linja taċ-ċentru mill-avviċinament finali użat fil-punt (a), fl-altitudni minima awtorizzata ta' avviċinament b'dawran. *Rimarka:* Jekk (a) u (b) ma jkunux possibbli minħabba raġunijiet tal-ATC, tista' ssir proċedura simulata b'viżibbiltà baxxa.		P*	→			
3.8.6	Avviċinamenti viżwali		P	→			
	TAQSIMA 4						
4	Proċeduri ta' avviċinament bla suċċess		P*	→			
4.1	Go-around bil-magni kollha jaħdmu* waqt operazzjoni 3D meta tintlaħaq l-altitudni deċiżjonali		P*	→			
4.2	Go-around bil-magni kollha jaħdmu* minn diversi stadji matul avviċinament bl-istrumenti		P*	→			
4.3	Proċeduri oħra ta' avviċinament bla suċċess		P*	→			
4.4*	Go-around manwali bil-magna kritika ma taħdimx b'mod simulat wara avviċinament bl-istrumenti meta jintlaħaq DH, MDH jew MAPt		P*	→		M	
4.5	Illandjar rifjutat bil-magni kollha jaħdmu: — minn għoli differenti taħt id-DH/l-MDH; — wara li tintmess l-art (illandjar abortit). F'ajruplani li ma jkunux ċertifikati bħala ajruplani tal-kategorija tat-trasport (JAR/FAR 25) jew bħala		P	→			

	ajruplani tal-kategorija tal-vjaġġaturi transfruntiera (SFAR 23), l-illandjar rifjutat bil-magni kollha jaħdmu għandu jinbeda taħt l-MDA/A jew wara li tintmess l-art.						
	TAQSIMA 5						
5 5.1	Ħatt l-art Illandjar normali* b'referenza viżiva stabbilita meta jintlaħaq DA/H wara operazzjoni ta' avviċinament bl-istrumenti		P				
5.2	Illandjar bi stabilizzatur simulat iġġammjat b'mod orizzontali f'kull pożizzjoni mingħajr bilanċ		P	X		FFS biss	
5.3	Illandjar f'riħ trażversali (inġenju tal-ajru, jekk prattikabbli)		P	→			
5.4	Skema tat-traffiku u llandjar mingħajr flapps jew paletti estiżi jew bi flapps jew b'paletti estiżi parzjalment		P	→			
5.5	Illandjar bil-magna kritika simulata ma taħdimx		P	→		M	
5.6	Illandjar b'żewġ magni ma jaħdmux: — ajruplani bi tliet magni: il-magna ċentrali u magna waħda fuq barra sa fejn ikun fattibbli skont id-data tal-AFM; u — ajruplani b'erba' magni: żewġ magni f'ġenb wieħed.		P	X		M FFS biss (test tal-aptitudni biss)"	

(c) it-Taqsima C hija emendata kif ġej:

(i) il-punti 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. Is-simboli li ġejjin ifissru:

P = Imħarreġ bħala PIC għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tat-tip għal ħelikopters bi bdot wieħed (SPH, Single-Pilot Helicopters) jew imħarreġ bħala PIC jew kobdot u bħala PF u PM għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tat-tip għal ħelikopters b'aktar minn bdot wieħed (MPH, Multi-Pilot Helicopters)

X = Ma għandux jintuża ħelikopter għal dan l-eżerċizzju

P→ = L-eżerċizzju għandu jitlesta f'FSTD kwalifikat kif xieraq

P# = It-taħriġ għandu jkun ikkomplementat minn spezzjoni b'sorveljanza ta' ħelikopter.

6. It-taħriġ prattiku għandu jsir tal-anqas fil-livell tal-apparat tat-taħriġ muri bħala (P), jew jista' jsir fi kwalunkwe livell ogħla ta' apparat muri bil-vleġġa (→).

It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jiġi indikat it-tagħmir ta' taħriġ użat:

FFS = simulatur ta' titjira sħiħa

FTD = apparat għat-taħriġ fit-titjir

H = ħelikopter

OTD = apparat ieħor ta' taħriġ.";

(ii) it-tabella wara l-punt 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"ĦELIKOPTERS BI BDOT WIEĦED/B'AKTAR MINN BDOT WIEĦED		TAĦRIĠ PRATTIKU				TEST TAL-APTITUDNI JEW KONTROLL TAL-PROFIĊJENZA	
Manuvri/Proċeduri		OTD	FSTD	H	Inizjali tal-istruttur meta jitlesta t-taħriġ	Ittestjat jew iċċekkjat f'FSTD jew H	Inizjali tal-eżaminatur meta jitlesta t-test jew l-iċċekkjar
	TAQSIMA 1 — Tħejjijiet u kontrolli ta' qabel it-titjira						
1.1	Spezzjoni viżiva esterna tal-ħelikopter; is-sit fejn ikun jinsab kull punt u l-għan tal-ispezzjoni	P#	P#	P		M (jekk isir fil-ħelikopter)	
1.2	Spezzjoni tal-kabina tal-pilota		P	→		M	
1.3	Proċeduri tal-istartjar, kontroll tat-tagħmir tar-radju u tan-navigazzjoni, l-għażla u l-issettjar tal-frekwenzi ta' navigazzjoni u komunikazzjoni		P	→		M	
1.4	Taxiing/taxiing fl-ajru f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-ATC jew mal-istruzzjonijiet ta' struttur		P	→		M	
1.5	Proċeduri u kontrolli ta' qabel il-qtugħ mill-art		P	→		M	
	TAQSIMA 2 — Manuvri u proċeduri tat-titjira						
2.1	Qtugħ mill-art (diversi profili)		P	→		M	
2.2	Art inklinata jew qtugħ mill-art u llandjar f'riħ trażversali		P	→			
2.3	Qtugħ mill-art f'massa massima waqt il-qtugħ mill-art (massa massima reali jew simulata waqt il-qtugħ mill-art)		P	→			
2.4	Qtugħ mill-art bi ħsara simulata fil-magna ftit qabel ma jintlaħaq TDP jew DPATO		P	→		M	
2.4.1	Qtugħ mill-art bi ħsara simulata fil-magna ftit wara li jintlaħaq TDP jew DPATO		P	→		M	

2.5	Dawriet ta' tlugħ u nżul lejn pruwi speċifiċi		P	→		M	
2.5.1	Dawriet b'xaqliba trażversali ta' 30°, 180° għal 360° xellug u lemin, b'referenza biss għall-istrumenti		P	→		M	
2.6	Inżul awtorotattiv		P	→		M	
2.6.1	Għal ħelikopters b'magna waħda (SEH, single-engine helicopters): — inżul awtorotattiv; jew — l-irkupru tal-enerġija, dment li l-applikanti, fis-sena preċedenti, ikunu lestew taħriġ li kien jinkludi nżul awtorotattiv u li t-taħriġ ikun iddaħħal u ġie ffirmat fil-ġurnali ta' abbord tal-applikanti mill-istruttur. Għal ħelikopters b'aktar minn magna waħda (MEH, multi-engine helicopters): l-irkupru tal-enerġija.		P	→		M	
2.7	Illandjar, diversi profili		P	→		M	
2.7.1	Go-around jew illandjar wara ħsara simulata ta' magna qabel LDP jew DPBL		P	→		M	
2.7.2	Illandjar wara ħsara simulata ta' magna wara LDP jew DPBL		P	→		M	
	TAQSIMA 3 — Operazzjonijiet normali u anormali tas-sistemi u l-proċeduri li ġejjin						
3	Operazzjonijiet normali u anormali tas-sistemi u l-proċeduri li ġejjin:					M	Minn din it-taqsima għandu jintgħażel minimu obbligatorju ta' 3 punti
3.1	Magna	P	→	→			
3.2	Kundizzjonament tal-arja (tisħin, ventilazzjoni)	P	→	→			
3.3	Sistema pitot/statika	P	→	→			
3.4	Sistema tal-fjuwil	P	→	→			
3.5	Sistema elettrika	P	→	→			

3.6	Sistema idrawlika	P	→	→			
3.7	Kontroll ta' titjira u s-sistema ta' trim	P	→	→			
3.8	Sistema kontra l-formazzjoni tas-silġ u sistema tat-tneħħija tas-silġ (jekk applikabbli)	P	→	→			
3.9	Pilota awtomatiku/apparati ta' żieda f'istabbiltà/direttur tat-titjira	P	→	→			
3.10	Sistema Msaħħa tat-Twissija għall-Viċinanza tal-Art (EGPWS, Enhanced Ground Proximity Warning System)/Sistema ta' Twissija u ta' Għarfien tat-Terren għall-Ħelikopters (HTAWS, Helicopter Terrain Awareness and Warning System) (jekk applikabbli)	P	→	→			
3.11	Radar tat-temp, altimetru tar-radar, transponder	P	→	→			
3.12	Sistema ta' navigazzjoni tal-erja	P	→	→			
3.13	Sistema tal-attrezzatura għall-illandjar	P	→	→			
3.14	APU	P	→	→			
3.15	Radju, tagħmir tan-navigazzjoni, strumenti u FMS	P	→	→			
	TAQSIMA 4 — Proċeduri anormali u ta' emerġenza						
4	Proċeduri anormali u ta' emerġenza					M	Minn din it-taqsima għandu jintgħażel minimu obbligatorju ta' 3 punti
4.1	Taħriġ kontra n-nirien (inkluża l-evakwazzjoni jekk applikabbli)		P	→			
4.2	Kontroll u tneħħija tad-duħħan		P	→			
4.3	Ħsarat, waqfien u startjar mill-ġdid tal-magni f'għoli mingħajr periklu		P	→			
4.4	Rimi ta' fjuwil (simulat, jekk applikabbli)		P	→			
4.5	Ħsara fil-kontroll tar-rotor tad-denb (jekk applikabbli)		P	→			

4.5.1	Telf tar-rotor tad-denb (jekk applikabbli)		P	X			
4.6	Inkapaċitazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ – għal MPH u SPH biss operati f'operazzjonijiet b'aktar minn bdot wieħed		P	→			
4.7	Ħsarat fit-trażmissjoni		P	→			
4.8	Event TCAS (jekk applikabbli)	P→	→	X			
4.9	Proċeduri oħra ta' emerġenza kif imfissra fil-qosor fil-manwal tat-titjir xieraq		P	→			
	TAQSIMA 5 — Proċeduri tat-titjira bl-istrumenti (li għandhom isiru f'IMC jew IMC simulati)						
5.1	Qtugħ mill-art bl-istrumenti: tkun meħtieġa tranżizzjoni għal titjira bl-istrumenti malajr kemm jista' jkun wara t-tluġħ fl-ajru		P*	→*			
5.1.1	Ħsara simulata fil-magna waqt it-tluq		P*	→*		M*	
5.2	Konformità mar-rotot tat-tluq u tal-wasla u mal-istruzzjonijiet tal-ATC		P*	→*		M*	
5.3	Proċeduri ta' stennija fir-rotta		P*	→*			
5.4	Operazzjonijiet 3D għal DA/H f'200 pied (60 m) jew għal valuri minimi ogħla jekk mitluba mill-proċedura tal-avviċinament		P*	→*			
5.4.1	Manwalment, mingħajr direttur tat-titjira *Nota:* Skont l-AFM, il-proċeduri RNP APCH jistgħu jkunu jeħtieġu l-użu ta' pilota awtomatiku jew ta' direttur tat-titjira. Il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-ajru manwalment għandha tintgħażel filwaqt li jitqiesu dawn il-limitazzjonijiet (pereżempju agħżel ILS għal 5.4.1 fil-każ ta' limitazzjoni AFM ta' dan it-tip).		P*	→*		M* (sakemm ma jitlestiex l-Eżerċizzju 5.4.2)	

5.4.2	Manwalment, b'direttur tat-titjira		P*	→*		M* (sakemm ma jitlestiex l-Eżerċizzju 5.4.1)	
5.4.3	B'pilota awtomatiku akkoppjat		P*	→*			
5.4.4	Manwalment, b'simulazzjoni b'magna waħda ma taħdimx; il-ħsara fil-magna għandha tkun simulata matul l-avviċinament finali qabel ma jinqabżu l-1 000 pied 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom sakemm tintmess l-art, jew sakemm titlesta l-proċedura ta' avviċinament bla suċċess		P*	→*		M*	
5.5	Operazzjonijiet 2D sal-MDA/H		P*	→*		M*	
5.6	Go-around bil-magni kollha jaħdmu meta jintlaħqu DA/H jew MDA/MDH		P*	→*			
5.6.1	Proċeduri oħra ta' avviċinament bla suċċess		P*	→*			
5.6.2	Go-around b'magna waħda ma taħdimx b'mod simulat meta jintlaħqu DA/H jew MDA/MDH		P*	→*		M*	
5.7	Awtorotazzjoni ta' IMC bi rkupru tal-potenza		P*	→*		M*	
5.8	Irkupru minn attitudnijiet mhux tas-soltu manwalment u, jekk applikabbli, b'modalità ta' rkupru awtomatiku		P*	→*		M*	
	TAQSIMA 6 — Użu ta' tagħmir fakultattiv						
6	Użu ta' tagħmir fakultattiv		P	→"			

ANNESS II

Emendi tal-Anness VI (il-Parti-ARA) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011

L-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt ARA.FSTD.100 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.100 Proċedura ta' evalwazzjoni**

(a) Meta tirċievi applikazzjoni għal ċertifikat kwalifika ta' FSTD, l-awtorità kompetenti għandha:

(1) tivverifika li l-organizzazzjoni li tħaddem l-FSTD tkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli;

(2) tivvaluta jekk id-data ta' validazzjoni magħżula hijiex adattata biex tappoġġa kull test oġġettiv;

(3) tirrieżamina l-ESL għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli;

(4) tevalwa jekk l-FSTD jikkonformax mal-bażi ta' kwalifika applikabbli billi twettaq testijiet oġġettivi, testijiet tal-funzjonijiet u testijiet suġġettivi;

(5) tivvaluta l-FSTD f'dawk l-oqsma li huma essenzjali biex jitlesta l-proċess ta' taħriġ, ittestjar u kontroll ta' membru tal-ekwipaġġ tal-kabina, skont kif applikabbli.

(b) L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-kompiti skont il-punti (a)(3), (4) u (5) fil-każ ta' evalwazzjoni rikorrenti ta' FSTD.

(c) Fil-każ ta' modifika kbira għal FSTD, l-awtorità kompetenti għandha twettaqha fost il-kompiti elenkati fil-punt (a) li hija tqis rilevanti, filwaqt li tqis in-natura tal-modifika.

(d) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi rapport u tinnotifika lill-organizzazzjoni li topera l-FSTD bir-riżultati tal-evalwazzjoni.

(e) Jekk, matul evalwazzjoni jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-awtorità kompetenti ssib evidenza li l-prestazzjon tal-FSTD ma hijiex f'konformità mal-bażi tal-kwalifika tiegħu jew li l-ESL ikun fih informazzjoni mhux preċiża dwar l-istess apparat, l-awtorità kompetenti għandha toħloq punt, tirreġistraha u tikkomunikaha lill-organizzazzjoni li topera l-istess FSTD bil-miktub. L-awtorità kompetenti għandha, sakemm in-natura tal-punt ma tkunx tirrikjedi l-applikazzjoni ta' miżuri ta' infurzar f'konformità mal-punt ARA.FSTD.135(b), tieħu l-passi kollha li ġejjin:

(1) tagħti lill-organizzazzjoni perjodu ta' implimentazzjoni għal azzjoni korrettiva li jkun xieraq għan-natura tal-punt li, fi kwalunkwe każ, ma għandux ikun iżjed minn 30 jum. Fi tmiem dak il-perjodu, u skont in-natura tal-punt, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' implimentazzjoni soġġett għal pjan ta' azzjoni korrettiva sodisfaċenti miftiehem mal-awtorità kompetenti;

(2) tivvaluta jekk il-pjan ta' azzjoni korrettiva propost mill-organizzazzjoni jindirizzax il-punt;

(3) tivvaluta jekk l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tindirizzax il-punt.

(f) Il-QTG li tirriżulta mill-evalwazzjoni inizjali għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti biss wara li l-punti kollha jkunu ġew indirizzati għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti. Wara din l-approvazzjoni, għandha tissejjaħ il-gwida ewlenija għat-test tal-kwalifika (MQTG) u għandha tkun il-bażi għall-kwalifika tal-FSTD u għall-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-FSTD.

(g) L-awtorità kompetenti għandha tikkwalifika l-FSTD biss wara li tkun ivvalidat li, f'konformità mal-punt ORA.FSTD.120(d) tal-Anness VII, it-tagħmir addizzjonali tal-FSTD, jekk applikabbli, ma jkollu l-ebda effett avvers fuq il-kapaċità tat-taħriġ tal-FSTD.

(h) Bażi tal-kwalifika u kundizzjonijiet speċjali

(1) L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi kundizzjonijiet speċjali għall-bażi tal-kwalifika tal-FSTD meta r-rekwiżiti tal-punt ORA.FSTD.210(a) tal-Anness VII jiġu ssodisfati u meta jintwera li l-kundizzjonijiet speċjali jiżguraw livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak stabbilit fl-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni applikabbli.

(2) Meta l-awtorità kompetenti, jekk mhux l-Aġenzija, tkun stabbiliet kundizzjonijiet speċjali għall-bażi tal-kwalifika ta' FSTD, għandha tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-Aġenzija dwar dan. In-notifika għandha tkun akkumpanjata b'deskrizzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet speċjali preskritti, u b'valutazzjoni tas-sikurezza li turi li ntlaħaq livell ekwivalenti ta' sikurezza għal dak stabbilit fl-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni applikabbli.";

(2) il-punt ARA.FSTD.110 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.110 Ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD**

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD b'durata mhux limitata, billi tuża l-formola kif stabbilita fl-Appendiċi IV, biss wara li tkun lestiet l-evalwazzjoni tal-FSTD f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100 u wara li tkun ivverifikat li:

(a) l-organizzazzjoni li topera l-FSTD tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-Anness VII (il-Parti-ORA);

(b) l-FSTD jissodisfa l-bażi ta' kwalifika applikabbli f'konformità mal-punt ORA.FSTD.210.";

(3) il-punt ARA.FSTD.115 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.115 Kwalifika *interim* tal-FSTD**

(a) Fil-każ tal-introduzzjoni ta' programmi ta' inġenji tal-ajru ġodda, meta l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din is-Subparti għall-kwalifika ta' FSTD ma tkunx possibbli, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ ċertifikat tal-kwalifika bi kwalifika *interim* tal-FSTD.

(b) Dik il-kwalifika *interim* għandha tibqa' valida għal mhux aktar minn 3 snin.";

(4) il-punt ARA.FSTD.120 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) is-sett sħiħ ta' testijiet fl-MQTG jerġa' jsir progressivament f'konformità mar-rekwiżiti kif speċifikati fil-punti ORA.FSTD.105(a)(2) u (3) tal-Anness VII;";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-awtorità kompetenti għandha twettaq evalwazzjonijiet rikorrenti tal-FSTD f'konformità mal-proċeduri ddettaljati fil-punt ARA.FSTD.100. Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom isiru kull sena. Il-bidu ta' kull perjodu rikorrenti ta' 12-il xahar huwa t-tmiem tax-xahar tal-kwalifika inizjali dment li ma jkunx hemm qbil dwar data oħra bejn l-awtorità kompetenti u l-organizzazzjoni li topera l-FSTD. Kull evalwazzjoni rikorrenti tal-FSTD għandha titwettaq f'perjodu ta' 60 jum qabel u 30 jum wara l-bidu ta' kull perjodu rikorrenti ta' 12-il xahar.";

(c) fil-punt (c), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' evalwazzjoni rikorrenti ta' FSTD speċifikat fil-punt ARA.FSTD.120(b) għal massimu ta' 36 xahar, dment li jkunu japplikaw dawn kollha li ġejjin:";

(5) jiddaħħal il-punt ARA.FSTD.125 li ġej:

"**ARA.FSTD.125 Trasferiment ta' FSTD**

(a) Meta tkun qiegħda tiġi nnotifikata bi trasferiment ta' FSTD minn organizzazzjoni għal oħra f'konformità mal-punt ORA.FSTD.235 tal-Anness VII, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li twettaq evalwazzjoni speċjali f'konformità mal-bażi ta' kwalifika oriġinali tal-FSTD, dment li ċ-ċertifikat tal-FSTD ma jiġix ċedut jew revokat.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-organizzazzjoni riċeventi tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness VII (il-Parti-ORA).

(c) Meta t-trasferiment ta' FSTD f'konformità mal-punt ORA.FSTD.235 tal-Anness VII jinvolvi żewġ awtoritajiet kompetenti, dawk l-awtoritajiet għandhom jikkoordinaw it-trasferiment.";

(6) il-punt ARA.FSTD.130 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.130 Modifiki**

(a) Malli tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' modifika kbira tal-FSTD kif speċifikat fil-punt ORA.FSTD.110(a) tal-Anness VII, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità ta' dik il-modifika kbira mal-bażi ta' kwalifika tal-FSTD. Jekk jitqies meħtieġ mill-awtorità kompetenti, din il-verifika tista' tinkludi evalwazzjoni speċjali tal-FSTD. Meta tkun issodisfata li l-modifika kbira tal-FSTD tkun konformi mal-bażi ta' kwalifika tagħha, l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-modifika, dment li l-organizzazzjoni li topera l-FSTD ma tkunx qiegħda taġixxi f'konformità mal-punt ORA.FSTD.110(b)(2) tal-Anness VII.

(b) Malli tirċievi applikazzjoni minn organizzazzjoni li topera l-FSTD, l-awtorità kompetenti tista' tapprova proċedura biex dik l-organizzazzjoni timplimenta modifiki kbar, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) il-proċedura tikkonforma mal-punt ORA.FSTD.110(b)(2) tal-Anness VII;

(2) matul is-36 xahar ta' qabel, l-organizzazzjoni li topera dak l-FSTD uriet li hija ġġestiet il-bidliet f'konformità mal-punt ORA.GEN.200(a)(3) tal-Anness VII.

(c) Meta l-awtorità kompetenti ssib nuqqas ta' konformità ta' modifika kbira mal-bażi tal-kwalifika, hija għandha taġixxi f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100(e).

(d) Meta modifika ta' FSTD tkun tirrikjedi l-użu ta' bażi ta' kwalifika li tkun differenti mill-bażi ta' kwalifika oriġinali, l-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta l-kwalifika ta' dawn il-bidliet u l-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni użata.

(e) Meta FSTD ta' legat jew FSTD b'FCS assenjata f'konformità mal-Appendiċi IX għandu jiġi kkwalifikat għal UPRT, l-evalwazzjoni speċjali għandha titwettaq bl-użu tas-CS-FSTD(A), il-Ħarġa 2.";

(7) il-punt ARA.FSTD.135 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.135 Ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD – limitazzjoni, sospensjoni u revoka**

(a) L-awtorità kompetenti għandha tillimita, tissospendi jew tirrevoka, skont kif ikun applikabbli, ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD f'konformità mal-punt ARA.GEN.350 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, iżda mhux fihom biss:

(1) iċ-ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD inkiseb permezz tal-falsifikazzjoni tad-dokumenti mressqa bħala evidenza;

(2) l-organizzazzjoni li topera l-FSTD ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness VII (il-Parti-ORA).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tillimita, tissospendi jew tirrevoka, kif applikabbli, ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD wara li żżid punt f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100(e) u tidentifika li:

(1) l-FSTD jonqos milli jikkonforma mal-bażi tal-kwalifika tiegħu u n-nuqqas ta' konformità jaffettwa it-taħriġ, l-ittestjar jew il-kontroll b'mod ħażin;

(2) organizzazzjoni li topera l-FSTD tonqos milli tissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva aċċettabbli biex tindirizza l-punt/i li tqajjem/tqajmu matul evalwazzjoni jew bi kwalunkwe mezz ieħor, jew biex twettaq l-azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti u fil-perjodu miftiehem minnha f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100(e).";

(8) il-punt ARA.FSTD.140 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ARA.FSTD.140 Żamma ta' rekords**

Minbarra r-rekords meħtieġa fil-punt ARA.GEN.220, l-awtorità kompetenti għandha żżomm u taġġorna dawn kollha li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni relatata mal-evalwazzjonijiet inizjali, rikorrenti jew speċjali tal-FSTDs kwalifikati taħt is-sorveljanza tagħha, inklużi l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-eżitu ta' dawk l-evalwazzjonijiet;

(b) l-ESL.";

(9) l-Appendiċi IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Appendiċi IV tal-ANNESS VI (Parti-ARA) — Ċertifikat tal-kwalifika ta' apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir

Unjoni Ewropea (*)

[Awtorità kompetenti]

ĊERTIFIKAT TAL-KWALIFIKA TA' APPARAT TA' TAĦRIĠ TA' SIMULAZZJONI TAT-TITJIR (FSTD)

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 u skont il-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika li

FSTD [IDENTIFIKAZZJONI]

[MANIFATTUR TAL-FSTD U N-NUMRU TAS-SERJE]
li jinsab
[POST TAL-APPARAT]
operat minn
[DETENTUR TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-KWALIFIKA]

ikun issodisfa r-rekwiżiti ta' kwalifika f'konformità mad-dokument ta' referenza primarju applikabbli tal-apparat u mal-Anness VII (il-Parti-ORA) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, soġġett għall-kundizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD mehmuż.

Dan iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jibqa' validu soġġett għall-konformità tal-FSTD mar-rekwiżiti applikabbli tal-bażi tal-kwalifika u mal-fatt li d-detentur taċ-ċertifikat tal-kwalifika jibqa' konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-Parti-ORA, dment li ma jkunx ġie ċedut, issostitwit, sospiż jew irrevokat.

Id-data tal-ħruġ oriġinali:
Reviżjoni:
Data tar-reviżjoni:
Għall-[awtorità kompetenti]
Firma:

(*) 'Unjoni Ewropea' trid tifhassar għal Stati Membri mhux tal-UE jew għall-EASA.
Il-Formola 145 tal-EASA, il-Ħarġa 3 – il-paġna 1/2

ĊERTIFIKAT TAL-KWALIFIKA TA' FSTD: [Referenza]

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-FSTD

A.	Dokument ta' referenza primarja (PRD, Primary Reference Document)	
B.	(Għall-FSTDs ta' legat biss) It-tip u l-livell ta' FSTD Grupp ta' inġenji tal-ajru/tip/tip u varjant	
C.	Kapaċitajiet addizzjonali:	
D.	Limitazzjonijiet:	
E.	Kummenti:	

FIRMA TAL-KAPAĊITÀ TAL-FSTD (FCS)

F.	KARATTERISTIKA TAL-FSTD	LIVELL TA' FEDELTÀ	INĠENJU TAL-AJRU SIMULAT
1.	Tqassim u struttura tal-kabina tal-pilota (FDK)		
2.	Forzi u hardware tal-kontroll tat-titjir (CLH)		
3.	Operat tas-sistemi ta' kontroll tat-titjir (CLO)		
4.	Sistemi ta' inġenji tal-ajru (SYS)		
5.	Prestazzjoni u mmaniġġar fuq l-art (GND)		
6.	Prestazzjoni u mmaniġġar bl-effett tal-art (IGE)		
7.	Prestazzjoni u mmaniġġar mingħajr l-effett tal-art (OGE)		
8.	Riproduzzjoni tal-ħoss (SND)		
9.	Riproduzzjoni tal-vibrazzjoni (VIB)		
10.	Riproduzzjoni tal-moviment (MTN)		
11.	Riproduzzjoni viżwali (VIS)		
12.	Navigazzjoni (NAV)		
13.	Atmosfera u temp (ATM, Atmosphere and weather)		
14.	Siti operatorji u terren (OST, Operating sites and terrain)		

Il-Formola 145 tal-EASA, il-Ħarġa 3 – il-paġna 2/2

Struzzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD

(a) Il-Formola 145 tal-EASA għandha tintuża għaċ-ċertifikat tal-kwalifika ta' FSTD.

Dan id-dokument għandu jkun fih l-ispeċifikazzjoni tal-FSTD u tal-FCS jew l-FCS assenjata, fejn applikabbli, inkluża kwalunkwe limitazzjoni kif xieraq għall-FSTD ikkonċernat.

(b) Iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jkun stampat bl-Ingliż u bi kwalunkwe lingwa/i oħra stabbilita/i mill-awtorità kompetenti.

(c) Għandhom jinħarġu ċertifikati tal-kwalifika separati għal:

(1) kull FCS jew FCS assenjata;

(2) kull kombinazzjoni ta' kabina tal-pilota u pjattaforma fil-każ ta' assemblaġġi interkambjabbli ewlenin;

(3) kull kabina tal-pilota li għandha tintuża bħala FSTD fil-każ ta' assemblaġġi interkambjabbli ewlenin.

Iċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD għandu jispeċifika n-numru tas-serje tal-kabina tal-pilota.

(d) L-identifikazzjoni ta' kull kabina tal-pilota u pjattaforma għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' pjanċi tan-numru tas-serje u kull kombinazzjoni ta' kabina tal-pilota u pjattaforma għandu jkollha ċertifikat tal-kwalifika b'numru tas-serje tal-FSTD uniku li jkun fih in-numru tal-identifikazzjoni/tas-serje tal-kabina tal-pilota u tal-pjattaforma.

(e) Komponenti tal-magna u klassifikazzjonijiet tal-forza propulsiva alternattivi differenti fuq FSTD wieħed ma għandhomx jirrikjedu ċertifikati tal-kwalifika separati dment li l-FCS jew l-FCS assenjata ma jinbidlux.

(f) Tagħmir differenti, bħal partijiet li jiddaħħlu tal-avjonika, inklużi f'FSTD wieħed ma għandux ikun jirrikjedi ċertifikati tal-kwalifika separati. Madankollu, differenzi kbar fl-avjonika jistgħu jirriżultaw f'varjanti fl-inġenji tal-ajru, li jistgħu jirrikjedu tagħbijiet tas-software separati. F'każijiet bħal dawn, għandhom jinħarġu ċertifikati tal-kwalifika tal-FSTD separati.

(g) L-FSTD indikat fuq iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jkollu numru tas-serje bi prefiss ta' kodiċi bl-ittri. Il-kodiċi bl-ittri għandu jkun speċifiku għall-awtorità kompetenti emittenti.

(h) Fit-tabella 'speċifikazzjoni tal-FSTD', l-FSTD għandu jiġi ddefinit mill-PRD, li huwa definit fl-MQTG u jindika kwalunkwe limitazzjoni tal-FSTD, jekk applikabbli. Fil-każ ta' FSTD ta' legat, it-tabella tal-ispeċifikazzjoni tal-FSTD għandha tispeċifika dan kollu li ġej:

(1) it-tip u l-livell tal-FSTD;

(2) it-tip tal-inġenju tal-ajru simulat jew it-tip u l-varjant jew il-grupp ta' inġenji tal-ajru simulati (eż. kategorija tal-inġenji tal-ajru, konfigurazzjoni tal-magna, il-kategorija tat-turbolenza tat-tranja, kif applikabbli).

(i) L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika fit-tabella 'speċifikazzjoni tal-FSTD' taħt 'Kapaċitajiet addizzjonali' li FSTD b'FCS jew b'FCS assenjata huwa kkwalifikat għal MCC fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) l-FSTD jissodisfa r-rekwiżiti għall-MCC kif speċifikat fil-PRD applikabbli;

(2) l-FSTD għandu FCS jew FCS assenjata li hija ugwali għal dawk fit-tabella li ġejja, jew ogħla minnhom:

	1. Tqassim u struttura tal-kabina tal-pilota	2. Forzi u hardware tal-kontroll tat-titjir	3. Tħaddim tas-sistemi tal-kontroll tat-titjir	4. Sistemi ta' inġenji tal-ajru	5. Prestazzjoni u mmaniġġar fuq l-art	6. Prestazzjoni u mmaniġġar bl-effett tal-art	7. Prestazzjoni u mmaniġġar mingħajr l-effett tal-art	8. Riproduzzjoni tal-ħoss	9. Riproduzzjoni tal-vibrazzjoni	10. Riproduzzjoni tal-moviment	11. Riproduzzjoni viżwali	12. Navigazzjoni	13. Atmosfera u temp	14. Siti operatorji u terren
FSTD tal-ajruplan	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	Ġ	R	Ġ	Ġ
FSTD tal-ħelikopter	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	Ġ

(j) L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika, fit-tabella 'speċifikazzjoni tal-FSTD' taħt 'kapaċitajiet addizzjonali' li l-FSTD tal-ajruplan huwa kkwalifikat għal UPRT u tindika jekk huwiex 'avviċinament għal waqfien' jew 'waqfien sħiħ'.

(k) Fit-tabella 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)', l-FSTD għandu jiġi definit mill-FCS tiegħu, dment li ma jkunx FSTD ta' legat. Fil-każ ta' FSTD li jaqa' taħt l-Artikolu 10b(2), il-punt (a)(i)(1), u l-Artikolu 10b(2), il-punt (a)(ii)(1), it-tabella 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)' għandha timtela bl-FCS assenjata f'konformità mal-Appendiċi IX tal-Anness VI (il-Parti-ARA).

(l) It-tlestija taċ-ċertifikat tal-kwalifika għall-FSTDs b'FCSs.

(1) Meta l-proċess ta' kwalifika tal-FSTD jivvalida l-FCS iddikjarata fl-applikazzjoni, it-tabella rilevanti tal-livelli ta' fedeltà tal-karatteristiċi tal-FSTD (N, G, R jew S) għandha mbagħad tiddaħħal fiċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD fil-kolonna tal-'livell ta' fedeltà' tat-tabella tal-'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)'. Il-livelli ta' fedeltà huma ddefiniti kif ġej:

(i) speċifiku (S) huwa l-ogħla livell ta' fedeltà għal karatteristika ta' FSTD partikolari;

(ii) rappreżentattiv (R) huwa l-livell intermedju ta' fedeltà għal karatteristika ta' FSTD partikolari;

(iii) ġeneriku (G) huwa l-aktar livell baxx ta' fedeltà għal karatteristika ta' FSTD partikolari;

(iv) l-ebda (N) tfisser l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-karatteristika tal-FSTD ma tkunx installata, funzjonali jew disponibbli għall-użu fit-taħriġ;

(b) tiġi installata karatteristika iżda ma tkunx meħtieġa u, f'dak il-każ, ma għandhiex ittellef jew tnaqqas mill-karatteristiċi l-oħra għall-użu maħsub tal-apparat.

(2) Meta karatteristika tal-FCS jew ma tkunx applikabbli jew inkella ma tkunx disponibbli għall-kwalifika tal-FSTD, il-livell ta' fedeltà 'N' għandu jiddaħħal fil-kolonna 'livell ta' fedeltà'.

(3) Meta l-karatteristika tal-FSTD 'sistemi tal-inġenji tal-ajru' tirrifletti sistemi differenti tal-inġenji tal-ajru li jkunu f'livelli differenti ta' fedeltà, għandu jiddaħħal u jiġi mmarkat b'asterisk (*). Is-sistemi ta' inġenji tal-ajru simulati u l-livell ta' fedeltà relatat għandhom jiġu speċifikati fuq l-ESL. F'dak il-każ, għandha ssir id-dikjarazzjoni li ġejja fil-kolonna 'rimarki': 'Mhux is-sistemi kollha ta' inġenji tal-ajru jiġu simulati u/jew ikunu fl-istess livell ta' fedeltà. Jekk jogħġbok irreferi għall-ESL.'

(4) Meta l-karatteristika tal-FSTD 'forzi u hardware tal-kontroll tat-titjir' tirrifletti kontrolli tat-titjir li jkunu f'livelli differenti ta' fedeltà, għandu jiddaħħal l-ogħla livell ta' fedeltà u jiġi mmarkat b'asterisk (*). Il-forzi u l-hardware tal-kontroll tat-titjir simulat u l-livell ta' fedeltà relatat għandhom jiġu speċifikati fl-ESL. F'dak il-każ, għandha ssir id-dikjarazzjoni li ġejja fil-kolonna 'rimarki': 'Mhux il-forzi u l-hardware tal-kontroll tat-titjir kollha jiġu simulati u/jew ikunu fl-istess livell ta' fedeltà. Jekk jogħġbok irreferi għall-ESL.'

(5) Fil-każ ta' kwalifika *interim* f'konformità mal-punt ARA.FDA.115, iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jindika l-livell ta' fiduċja u jinkludi '*interim*' fil-kolonna 'livell ta' fedeltà' għall-karatteristiċi applikabbli fit-tabella 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)'.

(m) It-tlestija taċ-ċertifikat tal-kwalifika għall-FSTDs b'FCSs u b'FCS assenjata.

Għall-karatteristiċi ta' simulazzjoni tal-inġenju tal-ajru (1–7) u/jew il-karatteristiċi ta' riproduzzjoni (8–9), l-inġenju tal-ajru simulat għandu jiddaħħal fiċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD fil-kolonna 'inġenju tal-ajru simulat' tat-tabella 'firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS)'. Għal kull karatteristika, l-inġenju tal-ajru simulat għandu jiġi speċifikat kif ġej:

(i) jekk il-livell ta' fedeltà jkun 'S', tip u varjant ta' inġenju tal-ajru (għamla, mudell u serje);

(ii) jekk il-livell ta' fedeltà jkun 'R', tip ta' inġenju tal-ajru (għamla u mudell);

(iii) jekk il-livell ta' fedeltà jkun 'G', grupp ta' inġenji tal-ajru billi jiġi indikat dan kollu li ġej:

(a) il-kategorija tal-inġenju tal-ajru;

(b) il-konfigurazzjoni tal-magna;

(c) il-kategorija tat-turbolenza tat-tranja għall-karatteristiċi, fejn tkun applikabbli.";

(10) jiżdied l-Appendiċi IX li ġej (FCS assenjata għall-FSTDs):

"Appendiċi IX tal-Anness VI (il-Parti-ARA)

FCSs assenjati għall-FSTDs

Meta l-Artikolu 10b jirreferi għal dan l-Appendiċi, l-awtoritajiet kompetenti, meta joħorġu ċertifikati ta' kwalifika tal-FSTD mill-ġdid, għandhom jassenjaw FCS f'konformità mat-tabella ta' hawn taħt. Meta FSTD li jkun elenkat fil-kolonna (A) jissodisfa r-rekwiżiti f'konformità mal-PRD speċifikat fil-kolonna (B) tal-istess ringiela u ma jippreżenta l-ebda limitazzjoni, għandu jirċievi FCS assenjata kif speċifikat fil-kolonna (C) ta' dik ir-ringiela.

	(A)	(B)	(C)												
			FCS ASSENJATA												
	livell tal-FSTD	PRD	1. Tqassim u struttura tal-kabina tal-pilota	2. Forzi u hardware tal-kontroll tat-titjir	3. Tħaddim tas-sistemi tal-kontroll tat-titjir	4. Sistemi ta' inġenji tal-ajru	5. Prestazzjoni u mmaniġġar fuq l-art	6. Prestazzjoni u mmaniġġar bl-effett tal-art	7. Prestazzjoni u mmaniġġar mingħajr l-effett tal-art	8. Riproduzzjoni tal-ħoss	9. Riproduzzjoni tal-vibrazzjoni	10. Riproduzzjoni tal-moviment	11. Riproduzzjoni viżwali	12. Navigazzjoni	13. Atmosfera u temp	14. Siti operatorji u terren
(1)	FFS tal-livell D	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A bi kwalifika UPRT skont is-CS-FSTD(A), il-Ħarġa 2	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S
(2)	FFS tal-livell D	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S
			Bil-limitazzjoni ta' nuqqas ta' taħriġ, ittestjar u kontroll tal-UPRT													
(3)	FFS tal-livell C	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A bi kwalifika UPRT skont is-CS-FSTD(A), il-Ħarġa 2	S	S	S	S	S	S	S	R	R	S	R	S	S	S
(4)	FFS tal-livell C	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A	S	S	S	S	S	S	S	R	R	S	R	S	S	S
			Bil-limitazzjoni ta' nuqqas ta' taħriġ, ittestjar u kontroll tal-UPRT													
(5)	FFS tal-livell B	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A	S	R	S	S	R	R	R	Ġ	R	R	Ġ	S	Ġ	Ġ

(6)	FFS tal-livell A	Emenda 3 jew emenda li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1A	S	R	S	S	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	S	Ġ	Ġ
(7)	FTD tal-livell 2	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 2A	S	R	S	S	E	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	S	E	E
(8)	FNPT tal-livell II MCC	Bidla 1 jew bidla li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3A	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	Ġ	R	Ġ	Ġ
(9)	FNPT tal-livell II	Bidla 1 jew bidla li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3A	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	Ġ	R	Ġ	Ġ
(10)	FNPT tal-livell I	Bidla 1 jew bidla li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3A	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	Ġ	E	E	E	E	R	E	E
(11)	FFS tal-livell D	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1H	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S	S
(12)	FFS tal-livell C	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1H	S	S	S	S	S	S	S	R	R	S	R	S	S	R
(13)	FFS tal-livell B	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1H	S	S	S	S	R	R	R	Ġ	R	R	Ġ	S	Ġ	R
(14)	FFS tal-livell A	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 1H	S	R	S	S	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	S	Ġ	Ġ
(15)	FTD tal-livell 3 MCC	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 2H	R	R	R	S	Ġ	R	R	Ġ	E	E	R	S	R	R
(16)	FTD tal-livell 3	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 2H	R	R	R	S	Ġ	R	R	Ġ	E	E	R	S	R	R
(17)	FTD tal-livell 2 MCC	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 2H	R	R	R	S	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	S	Ġ	R
(18)	FTD tal-livell 2	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 2H	R	R	R	S	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	S	Ġ	R

(19)	FNPT tal-livell III MCC	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3H	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	R
(20)	FNPT tal-livell III	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3H	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	R
(21)	FNPT tal-livell II MCC	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3H	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	Ġ
(22)	FNPT tal-livell II	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3H	R	Ġ	R	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	R	R	Ġ	Ġ
(23)	FNPT tal-livell I	Ħarġa inizjali jew ħarġa li ġiet aktar tard ta' JAR-STD 3H	Ġ	Ġ	Ġ	E	E	E	E	E	E	E	E	R	E	N"

ANNESS III

Emendi tal-Anness VII (il-Parti-ORA) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt ORA.ATO.135(b), il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) l-adegwatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD għall-programm ta' taħriġ relatat, abbażi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD u tal-ESL;";

(2) il-punt ORA.FSTD.100 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.100 Ġenerali**

(a) L-organizzazzjoni li tħaddem l-FSTD għandha turi lill-awtorità kompetenti li tkun stabbiliet sistema ta' ġestjoni f'konformità mas-Subparti GEN, it-Taqsima II. Dak l-għoti ta' evidenza għandu jiżgura li l-applikant għandu, direttament jew permezz ta' kuntratt, il-kapaċità li jżomm il-prestazzjoni, il-funzjonijiet u karatteristiċi oħra speċifikati fil-bażi tal-kwalifika applikabbli tal-FSTD u biex jikkontrolla l-installazzjonijiet tal-FSTD.

(b) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'dokumentazzjoni li turi kif hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi proċedura li tiddeskrivi kif tiġi stabbilita u miżmuma ESL.

(c) Jekk l-organizzazzjoni li topera l-FSTD tiġi nnotifikata mill-awtorità kompetenti dwar in-nuqqas ta' konformità tal-FSTD mal-bażi tal-kwalifika tiegħu f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100(e) tal-Anness VI, l-organizzazzjoni għandha:

(1) tfassal pjan ta' azzjoni korrettiva li jindirizza l-punti kollha u, fil-każ ta' entrati rikorrenti, sistemiċi jew kritiċi, tidentifika l-kawża ewlenija tan-nuqqas(ijiet) ta' konformità;

(2) tissottometti l-pjan ta' azzjoni korrettiva, li għandu jiġi implimentat għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti u fil-perjodu speċifikat fil-punt ARA.FSTD.100(e)(1) tal-Anness VI;

(3) turi l-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti billi tipprovdi l-evidenza assoċjata.

(d) Kull sena, l-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'metriċi tal-FSTD biex turi l-prestazzjoni, l-użu u karatteristiċi oħra tal-FSTD.";

(3) il-punt ORA.FSTD.105 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.105 Żamma tal-kwalifika tal-FSTD**

(a) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha twettaq dan kollu li ġej biex iżżomm il-kwalifika tal-FSTD:

(1) iżżomm l-istess kwalifika f'kundizzjoni li fiha twettaq b'mod konsistenti f'konformità mal-bażi tal-kwalifika, inkluż billi twettaq kontrolli funzjonali ta' qabel it-titjira fi żmien 24 siegħa qabel l-użu tal-FSTD għal taħriġ, ittestjar jew kontroll;

(2) twettaq is-sett sħiħ ta' testijiet oġġettivi li jinsabu fl-MQTG progressivament fuq ċiklu ta' 12-il xahar. Ir-riżultati minn dawk it-testijiet għandhom jiġu evalwati, datati, immarkati kif analizzati u miżmuma f'konformità mal-punt ORA.FSTD.240 biex jintwera li qiegħda tinżamm il-konformità mal-bażi ta' kwalifika tal-FSTD;

(3) twettaq is-sett sħiħ ta' funzjonijiet u ta' testijiet suġġettivi li jinsabu fl-MQTG progressivament matul ċiklu ta' 24 xahar. Ir-riżultati ta' kull titjira għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni li l-FSTD jkun ġie ttestjat;

(ii) juru li qiegħda tinżamm il-konformità mal-bażi tal-kwalifika tal-FSTD;

(iii) jinżammu f'konformità mal-punt ORA.FSTD.240;

(4) jippreżervaw l-integrità tal-hardware u tas-software tal-FSTD u jistabbilixxu u jżommu sistema ta' kontroll tal-konfigurazzjoni, inkluża ġestjoni tal-bażi tad-data.

(b) Jekk jiġi identifikat nuqqas ta' konformità matul it-testijiet imsemmija fil-punti (a)(2) u (3), l-organizzazzjoni għandha timplimenta azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità. L-evidenza tal-azzjonijiet korrettivi implimentati għandha tinżamm f'konformità mal-punt ORA.FSTD.240.

(c) Jekk organizzazzjoni tippjana li tneħħi FSTD minn status attiv għal perjodu twil, l-organizzazzjoni għandha tieħu l-passi li ġejjin:

(1) tinnotifika lill-awtorità kompetenti;

(2) tistabbilixxi kontrolli xierqa għall-perjodu li matulu l-FSTD ma jkunx attiv.

L-organizzazzjoni għandha taqbel mal-awtorità kompetenti dwar pjan għad-diżattivazzjoni, il-ħażna u l-attivazzjoni mill-ġdid biex tiżgura li l-FSTD ikun jista' jitreġġa' lura għall-istatus attiv fil-kwalifika oriġinali tiegħu.";

(4) il-punt ORA.FSTD.110 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.110 Ġestjoni tal-modifiki**

(a) Modifika tal-FSTD li taffettwa kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin għandha titqies bħala modifika kbira u għandha tiġi implimentata soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) u f'konformità mal-punti (c), (d), (e) u, jekk applikabbli, (f):

(1) iċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD;

(2) kwalunkwe modifika għall-kwalifika tal-FSTD li taffettwa t-taħriġ, l-ittestjar jew il-kontrolli.

(b) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha timplimenta modifika kbira ta' FSTD biss jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) tikseb l-approvazzjoni tal-modifika mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ARA.FSTD.130(a) tal-Anness VI;

(2) tiġġestixxi l-modifika f'konformità ma' proċedura approvata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ARA.FSTD.130(b) tal-Anness VI. Il-proċedura għandha tinkludi dawn kollha li ġejjin:

(i) l-ambitu ta' kull modifika kbira;

(ii) il-ġestjoni tal-modifika;

(iii) in-notifika tal-awtorità kompetenti.

(c) Fil-każ ta' modifika kbira lill-FSTD, l-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tieħu l-passi kollha li ġejjin:

(1) tħejji u tevalwa kwalunkwe modifika, inkluż l-objettivi, il-funzjonijiet u t-testijiet suġġettivi applikabbli kollha, biex tiddetermina l-impatt fuq il-kriterji tal-kwalifika oriġinali;

(2) tapplika għall-approvazzjoni minn qabel u tissottometti d-dokumentazzjoni relatata mal-attivitajiet speċifikati fil-punt (c)(1) u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra lill-awtorità kompetenti, dment li l-organizzazzjoni li topera l-FSTD ma tkunx intitolata li taġixxi f'konformità mal-punt (b)(2);

(3) tiġġestixxi kwalunkwe modifika fl-FSTD f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni tagħha;

(4) tiddikjara lill-awtorità kompetenti li l-FSTD jikkonforma mal-bażi tal-kwalifika tagħha meta tiġi implimentata l-modifika.

(d) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tistabbilixxi u żżomm sistema biex tidentifika, tivvaluta u tinkorpora kwalunkwe modifika importanti fl-FSTDs li tħaddem, speċjalment:

(1) modifiki fl-inġenju tal-ajru li jkunu essenzjali għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll, kemm jekk ikunu infurzati b'direttiva ta' ajrunavigabbiltà kif ukoll jekk le;

(2) modifiki ta' FSTD li jaffettwaw l-FCS jew l-FCS assenjata, iċ-ċertifikat tal-kwalifika, l-ESL, l-MQTG jew is-sofware jew hardware tal-FSTD, jew it-tnejn, inklużi s-sistema tal-moviment u viżiva, l-immaniġġar, il-prestazzjoni u l-operazzjonijiet tas-sistema;

(3) kwalunkwe modifika oħra tal-FSTD li hija essenzjali għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll.

(e) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tivvalida:

(1) kwalunkwe modifika għall-MQTG u, fil-każ ta' modifiki kbar, tinforma lill-awtorità kompetenti;

(2) kwalunkwe modifika għall-ESL u, fil-każ ta' modifiki kbar li jaffettwaw l-ESL, tissottometti l-ESL aġġornata lill-awtorità kompetenti.

(f) Fil-każ ta' modifika fl-FSTD li tkun ġestita f'konformità mal-punt (b)(2) u li taffettwa ċ-ċertifikat tal-kwalifika, l-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tapplika mal-awtorità kompetenti għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalifika ġdid.";

(5) il-punt ORA.FSTD.115 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.115 Installazzjonijiet**

(a) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tiżgura li:

(1) l-FSTD ikun ibbażat f'ambjent xieraq li jiggarantixxi operat sikur u affidabbli;

(2) l-okkupanti kollha u l-persunal tal-manutenzjoni tal-FSTD jiġu infurmati dwar is-sikurezza tal-FSTD sabiex jiġi żgurat l-għarfien tagħhom tat-tagħmir u l-proċeduri kollha tas-sikurezza fl-FSTD f'każ ta' emerġenza;

(3) l-FSTD u l-installazzjonijiet tiegħu jkunu konformi mar-regolamenti lokali għas-saħħa u s-sikurezza;

(4) iċ-ċertifikat tal-kwalifika u l-ESL jintwerew u huma aċċessibbli għall-utenti tal-FSTD u għall-awtoritajiet kollha.

(b) Il-valutazzjoni tal-karatteristiċi tas-sikurezza tal-FSTD, bħall-waqfiet ta' emerġenza u d-dwal ta' emerġenza, għandha tkun parti mis-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni u għandha tiġi kkontrollata tal-anqas darba fis-sena u rreġistrata biex jiġu żgurati operazzjonijiet sikuri.";

(6) il-punt ORA.FSTD.120 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.120 ESL**

(a) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tiżviluppa u żżomm ESL għal kull ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD.

(b) L-ESL għandha tinkludi informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-kwalifika tal-FSTD u l-bażi tal-kwalifika tiegħu, it-tagħmir installat, il-kapaċitajiet u l-ispeċifikazzjonijiet u għandha tkun iddisinjata biex tippermetti dan kollu li ġej:

(1) valutazzjoni tal-idoneità tal-FSTD għall-użu maħsub tiegħu;

(2) evalwazzjonijiet tal-FSTD f'konformità mal-punt ARA.FSTD.100 tal-Anness VI;

(3) żamma tal-kwalifika tal-FSTD f'konformità mal-punt ORA.FSTD.105.

(c) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha tivvalida u tivverifika li l-informazzjoni fl-ESL kif imsemmi fil-punt (b) tkun preċiża u komprensiva.

(d) L-organizzazzjoni li topera l-FSTD għandha żżid mat-tagħmir addizzjonali tal-FSTD li għalih il-kwalifika ma tkunx meħtieġa biss jekk wara valutazzjoni, tikkonkludi li dan it-tagħmir ma jaffettwax it-taħriġ b'mod ħażin.";

(7) il-punt ORA.FSTD.200 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.200 Applikazzjoni għal ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD**

L-applikazzjoni għal ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD għandha ssir mill-organizzazzjoni li topera l-FSTD b'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti. Din għandha tinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) il-formola tal-applikazzjoni inizjali, flimkien ma' dan kollu li ġej:

(1) tabella tad-data ta' validazzjoni magħżula, li tispeċifika s-sors uniku tad-data għal kull test oġġettiv;

(2) ESL;

(b) dikjarazzjoni li l-organizzazzjoni li topera l-FSTD tkun wettqet it-testijiet oġġettivi kollha meħtieġa tal-FSTD u tissodisfa l-kriterji fil-bażi ta' kwalifika applikabbli, flimkien mal-QTG, inkluż il-pjan direzzjonali tad-data ta' validazzjoni u r-rapport tal-inġinerija;

(c) dikjarazzjoni li tindika li r-rekwiżiti li ġejjin huma ssodisfati:

(1) ikunu tlestew it-testijiet oġġettivi, il-funzjonijiet u t-testijiet suġġettivi kollha u jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti ġenerali għall-FCS mitluba;

(2) l-FSTD jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli u mal-inġenju tal-ajru simulat jew mal-grupp ta' inġenji tal-ajru kif xieraq għal kull karatteristika tal-FSTD.";

(8) fil-punt ORA.FSTD.210, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-bażi tal-kwalifika għandha tkun applikabbli għall-evalwazzjonijiet rikorrenti tal-FSTD dment li modifika tal-inġenju tal-ajru ma tkunx tirrikjedi l-użu ta' bażi ta' kwalifika differenti.";

(9) il-punt ORA.FSTD.225 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk l-awtorità kompetenti tkun estendiet il-perjodu ta' evalwazzjoni rikorrenti għal FSTD f'konformità mal-punt ARA.FSTD.120(c) tal-Anness VI (il-Parti-ARA), l-organizzazzjoni għandha tassenja persuna jew grupp ta' persuni b'esperjenza adegwata li għandhom jagħmlu dan kollu li ġej fi żmien perjodu ta' 60 jum qabel u 30 jum wara l-bidu ta' kull perjodu rikorrenti ta' 12-il xahar f'konformità mal-punt ARA.FSTD.120(b) tal-Anness VI:";

(b) il-punt (c) jitħassar;

(10) il-punt ORA.FSTD.230 jitħassar;

(11) il-punt ORA.FSTD.235 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.235 Trasferiment ta' FSTD**

(a) Meta jkun hemm bidla fl-organizzazzjoni li topera l-FSTD:

(1) l-organizzazzjoni riċeventi għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti minn qabel sabiex taqbel dwar pjan għat-trasferiment tal-FSTD;

(2) l-organizzazzjoni li tittrasferixxi għandha tinforma lill-awtorità kompetenti qabel it-trasferiment u malli ċċedi ċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD.

(b) Meta l-FSTD ma jibqax konformi mal-bażi ta' kwalifika tiegħu, l-organizzazzjoni għandha tapplika għal ċertifikat ġdid ta' kwalifika ta' FSTD.";

(12) il-punt ORA.FSTD.240 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ORA.FSTD.240 Żamma ta' rekords**

Id-detentur ta' ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD għandu jżomm ir-rekords ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) id-dokumenti kollha li jiddeskrivu u li jagħtu prova tal-bażi tal-kwalifika u tal-livell tal-FSTD, inkluża l-FCS jew l-FCS assenjata, jekk applikabbli, u l-ESL inizjali tal-FSTD għad-durata tat-tul tal-ħajja tal-FSTD;

(b) verżjonijiet issostitwiti tal-MQTG u tal-ESL għad-durata tat-tul tal-ħajja tal-FSTD;

(c) kwalunkwe dokument u rapport rikorrenti li jkunu relatati ma' kull FSTD u mal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità għal perjodu ta' mill-anqas 5 snin.".

ANNESS IV

Emendi tal-Anness VIII (il-Parti-DTO) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011

Fil-punt DTO.GEN.240 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) Id-DTO għandha tuża l-FSTDs f'konformità mal-punt (a) biss meta turi lill-awtorità kompetenti l-adegwatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-FSTD għall-programm ta' taħriġ relatat, abbażi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD u l-ESL.".

ANNESS V

Emendi tal-Anness I (Definizzjonijiet) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) id-definizzjoni (50) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(50) 'apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir (FSTD)' tfisser apparat għat-taħriġ, l-ittestjar u l-kontroll tal-bdoti li ċ-ċertifikat tal-kwalifika tagħhom jinkludi firma tal-kapaċità tal-FSTD (FCS) jew firma tal-kapaċità tal-FSTD assenjata, jew FSTD ta' legat;";

(2) jiżdiedu d-definizzjonijiet (144) u (145) li ġejjin:

"(144) 'FSTD ta' legat' tfisser FSTD li ċ-ċertifikat ta' kwalifika tiegħu ma jinkludix FCS jew FCS assenjata u li jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) għall-ajruplani, simulatur ta' titjira sħiħa (FFS), apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD), tagħmir għat-taħriġ fil-proċeduri tat-titjir u tan-navigazzjoni (FNPT) jew apparat bażiku għat-taħriġ fl-istrumenti (BITD);

(b) għall-ħelikopters, simulatur ta' titjira sħiħa (FFS), apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD) jew tagħmir għat-taħriġ fil-proċeduri tat-titjir u tan-navigazzjoni (FNPT);

(145) 'lista ta' speċifikazzjoni tat-tagħmir (ESL)' tfisser lista li hija parti mill-kwalifika tal-FSTD u li tipprovdi informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-kwalifika tal-apparat u l-bażi tal-kwalifika tiegħu, it-tagħmir installat, il-kapaċitajiet u l-ispeċifikazzjonijiet.".

ANNESS VI

Emendi tal-Anness III (il-Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012

Fil-punt ORO.FC.145 tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) L-operatur għandu juża FSTD ta' titjir xieraq li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(1) ikun ikkwalifikat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1178/2011;

(2) jirreplika l-inġenju tal-ajru użat mill-operatur, sa fejn ikun prattikabbli;

(3) jintuża għal eżerċizzju partikolari biss jekk l-FSTD ikollu l-karatteristiċi u l-livelli ta' fedeltà relatati biex jissimula l-inġenju tal-ajru rilevanti f'dak l-eżerċizzju sal-punt meħtieġ biex il-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jiżviluppa jew iżomm il-kompetenza meħtieġa għat-tħaddim sikur, effettiv u effiċjenti tal-inġenji tal-ajru.

L-operatur għandu jivverifika l-idoneità ta' FSTD għall-użu maħsub abbażi taċ-ċertifikat tal-kwalifika tal-FSTD u l-ESL.

Meta r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jirreferu għal tipi u livelli ta' FSTDs partikolari, l-operatur jista' juża FSTDs f'konformità mal-punt FCL.036 tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

Id-differenzi bejn l-FSTD u l-inġenju tal-ajru għandhom ikunu deskritti u indirizzati permezz ta' taħriġ jew għoti ta' informazzjoni, skont kif ikun xieraq.".